

Rapport Speċjali

**L-isforzi biex jiġu  
indirizzati l-problemi  
relatati mal-akkwist  
pubbliku fin-nefqa tal-UE  
għall-Koeżjoni għandhom  
jiġu intensifikati**



IL-QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI  
12, rue Alcide De Gasperi  
1615 Luxembourg  
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

E-mail: [eca-info@eca.europa.eu](mailto:eca-info@eca.europa.eu)  
Internet: <http://eca.europa.eu>

Twitter: @EUAuditorsECA  
YouTube: EUAuditorsECA

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.  
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2015

Print	ISBN 978-92-872-2872-7	ISSN 1831-0907	doi:10.2865/43441	QJ-AB-15-012-MT-C
PDF	ISBN 978-92-872-2886-4	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/093280	QJ-AB-15-012-MT-N
EPUB	ISBN 978-92-872-2852-9	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/79920	QJ-AB-15-012-MT-E

© L-Unjoni Ewropea, 2015

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni tar-ritratt fil-paġna 20, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detentur tad-drittijiet tal-awtur.

*Printed in Luxembourg*

**Rapport Speċjali****L-isforzi biex jiġu  
indirizzati l-problemi  
relatati mal-akkwist  
pubbliku fin-nefqa tal-UE  
għall-Koeżjoni għandhom  
jiġu intensifikati**

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jagħtu r-riżultati tal-awditi tal-prestazzjoni u tal-konformità tagħha, ta' oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex ikollhom impatt massimu billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni ġie prodott mill-Awla II tal-Awditjar - immexxija mill-Membru tal-QEA Henri Grethen - li tispesjalizza fl-oqsma ta' nfiq ta' politiki strutturali, trasport u enerġija. L-awditu tmexxa mill-Membru tal-QEA Phil Wynn Owen, b'apport mill-kap tal-kabinett tiegħu, Gareth Roberts, u Katharina Bryan, attaché; Niels-Erik Brokopp, kap tal-unità; Milan Smid, kap tat-tim; Remus Blidar, Anastassios Karydas, Laura Zanmarini, awdituri; Ildikó Preiss, attaché tal-kabinett tas-Sur Grethen; Johanne Vermer, avukat.



*Mix-xellug għal-lemin:* J. Vermer, G. Roberts, I. Preiss, A. Karydas, R. Blidar, K. Bryan, M. Smid, L. Zanmarini, N.-E. Brokopp, P. Wynn Owen.

## Paragrafu

### Glossarju

### Abbrevjazzjonijiet

### I-VIII Sommarju eżekuttiv

### 1-13 Introduzzjoni

### 4-8 Il-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE

### 9-11 Politika ta' koeżjoni u akkwist pubbliku

### 12-13 Proċeduri ta' akkwist pubbliku: kif jaħdmu?

### 14-17 Ambitu u approċċ tal-awditjar

### 18-94 Osservazzjonijiet

### 19-48 L-analiżi sistematika ta' żbalji fl-akkwist pubbliku mill-Kummissjoni u l-Istati Membri hija limitata ħafna

19-24 In-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku għadu sors sinifikanti ta' żball fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni

25-34 Hemm diversi kawżi ta' żbalji fl-akkwist pubbliku

35-40 Analiżi komprensiva ta' żbalji fl-Istati Membri hija prekluziva minn nuqqas ta' *data* koerenti ...

41 ... iżda hemm sinjali, fl-Istati Membri miżjura, li d-*data* qed tibda tinġabar b'mod aktar sistematiku

42-48 Il-Kummissjoni għadha ma tanalizzax b'mod komprensiv u sistematiku l-iżbalji fl-akkwist pubbliku

49-94 Il-Kummissjoni u l-Istati Membri bdew jimplimentaw azzjonijiet biex jindirizzaw il-problema, iżda għad fadal xi jsir

51-60 Azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni mill-2010 'l hawn bdew jimmiraw il-problema kumplessiva

61-74 Jekk tiġi applikata tajjeb, leġislazzjoni ġdida għandha l-potenzjal li tgħin fl-indirizzar tal-problema ta' żbalji fl-akkwist pubbliku

75-82 L-Istati Membri jiffokaw fuq kontrolli tal-ewwel livell u kien biss reċentement li bdew jieħdu azzjonijiet preventivi

83-94 L-għodod tal-IT jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati l-problemi tal-akkwist pubbliku iżda se jkunu meħtieġa li jiġu implimentati bis-sħiħ

95-105 **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

- Anness I** — **Ir-rwoli tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fl-akkwist pubbliku u l-politika ta' koeżjoni**
- Anness II** — **Analiżi ta' żbalji skont il-fond maqbuda mill-Qorti, 2009-2013**
- Anness III** — **Deskrizzjoni u analiżi ta' żbalji fil-fażijiet differenti tal-proċeduri ta' sottomissjoni tal-offerti**
- Anness IV** — **Proċeduri ta' ksur tal-akkwist pubbliku mibdija mill-Kummissjoni, 2009-2013**

**Ir-risposti tal-Kummissjoni**

**Akkwist pubbliku** huwa l-proċess li permezz tiegħu l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, reġjonali u lokali, jew korpi rregolati mil-liġi pubblika, jixtru prodotti, servizzi u xogħlijiet pubbliċi bħal toroq u binjiet. Impriżi privati huma wkoll soġġetti għal regoli u/jew prinċipji tal-akkwist pubbliku kull meta dawn iwettqu akkwisti li jkunu ffinanzjati pubblikament b'mod predominanti jew meta rekwiżiti bħal dawn jiġu inklużi fil-ftehim ta' għotja.

**Awtorità Maniġerjali** hija awtorità pubblika nazzjonali, reġjonali jew lokali jew kwalunkwe korp pubbliku jew privat ieħor, li tkun ġiet innominata minn Stat Membru biex timmaniġġja Programm Operazzjonali. Il-kompiti tagħha jinkludu l-għażla tal-proġetti li jkunu jridu jiġu ffinanzjati, il-monitoraġġ ta' kif il-proġetti jiġu implimentati u r-rappurtar lill-Kummissjoni dwar l-aspetti finanzjarji u r-riżultati miksuba.

**Awtorità tal-Awditjar** tipprovdi aċċertament lill-Kummissjoni dwar il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u l-kontrolli interni għal Programm Operazzjonali (PO) (u, bħala konsegwenza, il-legalità u r-regolarità tan-nefqa ċċertifikata). L-Awtoritajiet tal-Awditjar ġeneralment huma dipartimenti fi ħdan kancellarija tal-Istat, fil-Ministeri tal-Finanzi (jew korpi ta' kontroll intern taħt l-awtorità tal-ministeru), f'ministeri oħra jew fi ħdan l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar. Dawn iridu jkunu funzjonalment indipendenti mill-korpi li jimmaniġġjaw il-fondi. Awtorità tal-Awditjar tirrapporta s-sejbiet tal-awditi tas-sistemi tagħha u l-awditi tal-operazzjonijiet lill-Awtoritajiet maniġerjali u taċ-Ċertifikazzjoni għall-PO kkonċernat. Ir-rapporti dwar l-awditi tas-sistemi u r-Rapport Annwali ta' Kontroll jiġu ppreżentati wkoll lill-Kummissjoni. Jekk l-Awtorità tal-Awditjar tqis li l-Awtorità Maniġerjali ma tkunx ħadet azzjoni korrettiva xierqa, trid tiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kwistjoni.

**Awtoritajiet kontraenti** huma awtoritajiet jew korpi nazzjonali, reġjonali jew lokali rregolati mil-liġi pubblika li r-rwol tagħhom jinvolvi l-applikazzjoni tad-direttivi dwar l-akkwist pubbliku għal kuntratti pubbliċi u l-kompetizzjonijiet ta' tfassil.

**Awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni** jwettqu kontrolli tal-ewwel livell fuq l-infiq iddikjarat mill-Awtoritajiet Maniġerjali u jiċċertifikaw li dan l-infiq huwa legali u regolari. Dawn ġeneralment ikunu parti mill-Ministeru tal-Finanzi jew korpi ta' kontroll intern taħt l-awtorità tal-ministeru.

Id-**Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana** huwa d-dipartiment tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għall-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-reġjuni żvantaġġati tal-Unjoni Ewropea. Dan id-DĠ għandu l-portafoll tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK).

Id-**Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs**, preċedentement magħruf bħala d-DĠ Suq Intern u Servizzi, huwa d-dipartiment tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għall-ikkompletar tas-suq intern għal oġġetti u servizzi; it-trawwim tal-ekonomija tal-UE permezz ta' attivitajiet b'appoġġ għall-industrija u l-intrapriżi żgħar u medji u t-twassil tal-politika tal-ispazju tal-UE. Dan jinkludi wkoll l-iżviluppar tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-akkwist pubbliku u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tagħha mill-Istati Membri.

Id-**Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni** huwa d-dipartiment tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għall-impjiegi u l-kwistjonijiet soċjali tal-UE. Fi sħubija ma' awtoritajiet nazzjonali, sħab soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet interessati oħra, id-direttorat ġenerali jindirizza sfidi marbuta mal-globalizzazzjoni, it-tixjiħ tal-popolazzjoni tal-UE u r-realtajiet soċjali li qed jinbidlu. Dan id-DĠ għandu l-portafoll tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE).

L-għan tal-**Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali** huwa li jirrinforza l-koeżjoni ekonomika u soċjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea billi jirrimedja l-iżbilanċi reġjonali prinċipali permezz ta' appoġġ finanzjarju għall-ħolqien ta' infrastruttura u ta' investiment produttiv li joħloq l-impjiegi, prinċipalment għan-negozji.

L-għan tal-**Fond Soċjali Ewropew** huwa li jsaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea billi jtejjeb l-impjiegi u l-opportunitajiet ta' xogħol, l-aktar permezz ta' miżuri ta' taħriġ, filwaqt li jħeġġeġ livell oġhla ta' impjiegi u l-ħolqien ta' aktar xogħlijiet u xogħlijiet aħjar.

L-għan tal-**Fond ta' Koeżjoni** huwa li jtejjeb il-koeżjoni ekonomika u soċjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea billi jiġu ffinanzjati proġetti ambjentali u tat-trasport fl-Istati Membri li l-PNG per capita tagħhom huwa inqas minn 90 % tal-medja tal-UE.

**Frodi** hija att ta' qerq imwettaq deliberatament u intenzjonat għal gwadann personali jew biex jikkawża telf lil parti oħra.

**Ftehimiet ta' sħubija** jiddaħħlu bejn il-Kummissjoni Ewropea u Stati Membri individwali. Dawn jistipulaw il-pjanijiet tal-awtoritajiet nazzjonali dwar kif jintużaw il-fondi mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej bejn l-2014 u l-2020. Dawn jinkludu wkoll, fost l-oħrajn, dettalji ta' kwalunkwe kundizzjonalità *ex ante* u l-oqfsa ta' ġestjoni tal-prestazzjoni.

**Irregolarità** hija att li ma jkunx konformi mar-regoli tal-UE u li jkollu impatt potenzjalment ta' ħsara fuq l-interessi finanzjarji tal-UE. Din tista' tkun ir-riżultat ta' żbalji ġenwini mwettqa kemm mill-benefiċjarji li jikklejmjaw fondi u mill-awtoritajiet responsabbli għall-pagamenti. Jekk irregolarità titwettaq deliberatament, din tiġi kklassifikata bħala frodi.

**Istituzzjonijiet supremi tal-awditjar** huma korpi nazzjonali responsabbli għall-awditjar tad-dħul u l-infiq tal-gvern.

L-iskop tal-**korrezzjonijiet finanzjarji** huwa li jiproteġu l-baġit tal-UE mill-piż ta' nfiq żbaljat jew irregolari. Għal infiq soġġett għal ġestjoni kondiviża, l-irkupru ta' pagamenti li saru b'mod skorrett huwa primarjament ir-responsabbiltà tal-Istati Membri. Il-korrezzjonijiet finanzjarji jistgħu jsiru billi jiġi rtirat l-infiq irregolari mid-dikjarazzjonijiet tan-nefqa tal-Istati Membri jew permezz ta' rkupri mill-benefiċjarji. Il-korrezzjonijiet finanzjarji jistgħu jiġu imposti wkoll mill-Kummissjoni.

**Korruzzjoni** hija l-abbuż ta' poter għal gwadann privat. Korruzzjoni passiva hija l-azzjoni li uffiċjal iwettaq deliberatament u li, direttament jew permezz ta' intermedjarju, jitlob jew jirċievi vantaġġi, għalih innifsu jew għal parti terza, jew jaċċetta wegħda ta' vantaġġ bħal dan, biex jaġixxi jew joqgħod lura milli jieħu azzjoni f'konformità ma' dmiru. Korruzzjoni attiva hija l-att li jitwettaq deliberatament minn kull persuna li twiegħed jew li tagħti vantaġġi bħal dawn lil uffiċjal.

**Kundizzjonalitajiet ex ante** huma kundizzjonijiet ibbażati fuq kriterji predefiniti u stabbiliti fil-ftehimiet ta' sħubija. Meta jħejju l-PO tal-FEŻR, tal-FK u tal-FSE taħt il-perjodu tal-programm 2014-2020, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw jekk dawn il-kundizzjonijiet ikunux ġew issodisfati. Jekk dawn ma jkunux ġew issodisfati, jeħtieġ li jitħejjew pjanijiet ta' azzjoni biex jiġi żgurat li jiġu ssodisfati sal-31 ta' Diċembru 2016.

**Programm Operazzjonali** jistipula l-prijoritajiet u l-oġettivi speċifiċi ta' Stat Membru u kif se jkun qed jintuża l-finanzjament matul perjodu partikolari, ġeneralment ta' seba' snin, għall-finanzjament ta' proġetti. Dawn il-proġetti jridu jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' oġettiv wieħed jew aktar, minn ċertu għadd ta' oġettivi speċifikati fil-livell tal-assi prijoritarju tal-Programm Operazzjonali. Il-programmi jridu jkunu stabbiliti għal kull wieħed mill-fondi fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni, jiġifieri, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Soċjali Ewropew. Il-Programmi Operazzjonali jitħejjew mill-Istati Membri u jridu jiġu approvati mill-Kummissjoni qabel ma jistgħu jsiru xi pagamenti mill-baġit tal-UE. Dawn jistgħu jiġu mmodifikati biss matul il-perjodu kopert jekk jaqblu ż-żewġ partijiet.

**AP:** Akkwist Pubbliku

**DĠ GROW:** Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs

**FEŻR:** Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

**FK:** Fond ta' Koeżjoni

**FSE:** Fond Soċjali Ewropew

**OLAF:** Uffiċċju Ewropew kontra l-frodi

**PO:** Programm Operazzjonali

**SAI:** Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar

**TFUE:** Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

## I

Il-politika tal-UE dwar l-akkwist pubbliku hija strument ewlieni fl-istabbiliment tas-suq uniku u l-iżgurar tal-użu effiċjenti tal-fondi pubbliċi. Fi ħdan l-UE, l-akkwist pubbliku huwa rregolat mid-direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, li jistabbilixxu regoli u proċeduri komuni li awtoritajiet pubbliċi kontraenti li jikkuntrattaw xogħlijiet u servizzi jridu jseguwu.

## II

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, ġew allokati EUR 349 biljun fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Soċjali Ewropew. Parti sinifikanti minn dawn il-flus, b'mod partikolari għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, tintnefaq permezz tal-akkwist pubbliku. Kważi nofs il-proġetti kollha relatati ma' dawn it-tliet fondi awditjati mill-Qorti matul il-perjodu 2009-2013 kienu jinvolvu offerta waħda jew bosta offerti.

## III

In-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku kien sors ta' żball perenni u sinifikanti. Żbalji serji rriżultaw f'nuqqas, jew f'assenza totali ta' kompetizzjoni ġusta u/jew fl-għoti ta' kuntratti lil dawk li ma kinux l-aħjar offerenti.

## IV

Dan ir-rapport jivvaluta jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri humiex qed jieħdu azzjonijiet xierqa u effettivi biex jindirizzaw il-problema ta' żbalji fl-akkwist pubbliku fil-qasam tal-politika ta' Koeżjoni.

## V

L-awditu sab li l-Kummissjoni u l-Istati Membri bdew jindirizzaw il-problema, iżda għad fadal xi jsir f'termini tal-analiżi tal-problema u l-implimentazzjonijiet ta' azzjonijiet.

## VI

L-analiżi sistematika ta' żbalji fl-akkwist pubbliku mill-Kummissjoni u l-Istati Membri hija limitata ħafna. In-nuqqas ta' *data* dettaljata b'mod suffiċjenti, robusta u koerenti dwar in-natura u l-estent ta' żbalji fl-akkwist pubbliku pprekluda analiżi komprensiva tal-kawżi ta' bażi. Madankollu, hemm sinjali, li xi wħud mill-Istati Membri miżjura għal dan l-awditu qed jibdeu jiġbru *data* b'mod sistematiku.

## VII

Mill-2010 'l hawn, il-Kummissjoni bdiet tistabbilixxi firxa ta' azzjonijiet. L-azzjonijiet leġiżlattivi kienu jinkludu r-reviżjoni tad-direttivi dwar l-akkwist pubbliku u l-inklużjoni fil-ftehimiet ta' sħubija ta' kundizzjonijiet speċifiċi għal sistemi tal-akkwist pubbliku li jridu jiġu ssodisfati mill-Istati Membri sa mhux aktar tard minn tmien l-2016. Fl-2013, il-Kummissjoni stabbilixxiet ukoll grupp ta' ħidma tekniku intern u fasslet pjan ta' azzjoni intern. Madankollu, il-biċċa l-kbira mill-azzjonijiet fil-pjan għadhom ma ġewx implimentati bis-sħiħ. Kien biss reċentement li l-Istati Membri bdew jieħdu azzjonijiet komprensivi biex jipprevienu l-iżbalji milli jseħħu.

## VIII

Il-Qorti tirrakkomanda li:

- (a) (i) il-Kummissjoni għandha tiżviluppa database dwar l-irregolaritajiet, li tkun kapaċi tipprovdi bażi għal analiżi sinifikattiva ta' żbalji fl-akkwist pubbliku. Hija għandha tanalizza, b'mod komprensiv, il-frekwenza, is-serjetà u l-kawżi ta' żbalji fl-akkwist pubbliku fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni, ibbażati fuq *data* xierqa, meħuda kemm mid-databases proprji tagħha kif ukoll minn dawk ipprovduti mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-analiżi tagħha bħala parti mir-rapport dwar l-akkwist pubbliku meħtieġ mid-direttivi l-ġodda;
- (ii) l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u janalizzaw id-databases proprji tagħhom dwar l-irregolaritajiet fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni, inklużi dawk li jinħolqu fl-akkwist pubbliku, u għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni biex jipprovdu *data* bħal din f'forma u fi żmien li jiffaċilitaw ix-xogħol tal-Kummissjoni.
- (b) jekk il-kundizzjonalità *ex ante* li tikkonċerna l-akkwist pubbliku ma tiġix issodisfata sa tmiem l-2016, il-Kummissjoni għandha tuża s-setgħat tagħha b'mod konsistenti biex tissospendi l-pagamenti lill-Istati Membri kkonċernati, sa meta huma jkunu rrettifikaw in-nuqqasijiet;
- (c) il-Kummissjoni għandha taġġorna u tippubblika l-pjan ta' azzjoni intern tagħha dwar l-akkwist pubbliku. Hija għandha tirrapporta dwar il-progress kull sena. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha ttejjeb il-koordinazzjoni bejn id-dipartimenti tagħha li jittrattaw kwistjonijiet relatati mal-akkwist pubbliku;
- (d) il-Kummissjoni għandha tistabilixxi grupp ta' livell għoli biex tipprovdi tmexxija fl-indirizzar tal-problema ta' żbalji fl-akkwist pubbliku biex tevita r-riskju li l-azzjonijiet ma jiġux implimentati b'mod konsistenti fis-servizzi kollha tal-Kummissjoni. Il-grupp għandu jappoġġa t-titjib fl-akkwist pubbliku, inkluż, fejn meħtieġ, għas-simplifikazzjoni f'dan il-qasam;
- (e) il-Kummissjoni għandha timponi korrezzjonijiet finanzjarji kull fejn issib li l-kontrolli tal-ewwel livell tal-Istati Membri mhumiex effettivi b'mod suffiċjenti u, fejn meħtieġ, issegwi proċeduri ta' ksur għal ksur tad-direttivi dwar l-akkwist pubbliku;
- (f) il-Kummissjoni għandha tisfrutta aktar l-opportunitajiet ipprovduti mill-iżviluppi fit-teknoloġija tal-informatika, inkluża l-promozzjoni tal-akkwist elettroniku u l-għodod tal-estrazzjoni ta' *data* u prattika tajba; u
- (g) l-Istati Membri għandhom jisfruttaw aktar l-opportunitajiet ipprovduti mill-akkwist elettroniku u mill-għodod tal-estrazzjoni ta' *data*.


## 01

Il-politika tal-UE dwar l-akkwist pubbliku hija strument ewlieni fl-istabbiliment tas-suq uniku u fil-kisba ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, skont l-istrategġija Ewropa 2020, filwaqt li fl-istess waqt jiġi żgurati l-aktar użu effiċjenti tal-fondi pubbliċi<sup>1</sup>. It-titjib fl-effiċjenza tal-infiq pubbliku u l-kisba ta' valur għall-flus huma objettivi ċentrali għall-gvern. Regoli ġew stabbiliti f'diversi livelli tal-gvern biex jiġi żgurati l-aħjar użu possibbli tal-fondi pubbliċi fejn iseħħ l-akkwist pubbliku. Il-**Figura 1** turi xi ċifri ewlenin.

- 1 COM(2010) 2020 finali tat-3 ta' Marzu 2010 "Ewropa 2020, strategġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv".
- 2 Ara l-Annual Public Procurement Implementation Review 2013 (Analiżi Annwali ta' Implimentazzjoni tal-Akkwist Pubbliku għall-2013) ippubblikata mid-DG Suq Intern u Servizzi fl-1 ta' Awwissu 2014; "SMEs' aċċess to public procurement markets and aggregation of demand in the EU" (Aċċess mill-SMEs għas-swieq tal-akkwist pubbliku u aggregazzjoni tad-domanda fl-UE), Studju mħejji għall-Kummissjoni Ewropea minn PwC, ICF GHK u Ecorys, Frar 2014; u "The Cost of Non-Europe in the Single Market, IV - Public Procurement and Concessions" (L-Ispiża tan-Non-Ewropa fis-Suq Uniku, IV - Akkwist Pubbliku u Konċessjonijiet)", Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS), Settembru 2014 – PE 536.355.

Figura 1

## Xi figuri ewlenin dwar l-użu tal-akkwist pubbliku fl-UE



Sors: Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea<sup>2</sup>.

02

Fost affarijiet oħra, ir-regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE għandhom l-għan li jiżguraw li l-prinċipji u l-libertajiet fundamentali tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jiġu osservati (ara l-**Figura 2**)<sup>3</sup>. Dan, imbagħad, iżid il-kompetizzjoni u n-negozjar transkonfinali, li jirriżultaw f'valur aħjar għall-flus għall-awtoritajiet pubbliċi, filwaqt li tiżdied il-produttività fl-industrija tal-provvista u t-titjib fil-parteċipazzjoni u l-aċċess għal swieq bħal dawn mill-SMEs. Fil-qosor, ir-regoli jeżistu biex jappoġġaw is-suq uniku, iħeġġu l-kompetizzjoni u jipromwovu l-valur għall-flus.


03

Dan ir-rapport jeżamina l-livell konsistentement għoli ta' żbalji li jikkonċernaw l-akkwist pubbliku fl-infiq tal-UE fi ħdan il-qasam tal-politika ta' koeżjoni, jiġifieri fejn ma kienx hemm konformità xierqa mar-regoli. B'mod partikolari, ir-rapport jinves-tiġa jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri humiex qed jieħdu azzjonijiet xierqa u effettivi biex jindirizzaw il-problema<sup>5</sup>.

- 3 Il-libertà tal-moviment tal-merkanzija (l-Artikolu 28 TFUE) u s-servizzi (l-Artikolu 56), il-libertà ta' stabbiliment (l-Artikolu 49) u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, nondiskriminazzjoni u trattament ugwali, proporzjonalità, trasparenza u rikonossiment reċiproku (l-Artikoli 18 u 53).
- 4 Commission Interpretative Communication on the Community law applicable to contract awards not or not fully subject to the provisions of the Public Procurement Directives (Komunikazzjoni Interpretattiva tal-Kummissjoni dwar il-ligi Komunitarja applikabbli għal għotjiet ta' kuntratti li mhumiex soġġetti, jew mhumiex soġġetti bis-sħiħ, għad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku) (GU C 179, 1.8.2006, p. 2).
- 5 Ara wkoll l-analiżi panoramika 2014 tal-Qorti: "Nagħmlu l-aħjar użu minn flus l-UE: analiżi panoramika tar-riskji għall-ġestjoni finanzjarja tal-baġit tal-UE" (<http://eca.europa.eu>).

Figura 2

Prinċipji tal-akkwist pubbliku



Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ibbażata fuq id-dokument tal-Kummissjoni Ewropea<sup>4</sup>.

## Il-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE

### 04

Il-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE huwa bbażat fuq il-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi (GPA), ftehim multi-laterali bejn għadd ta' membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ<sup>6</sup> li jirregola l-akkwist ta' oġġetti u servizzi minn awtoritajiet pubbliċi, u li huwa bbażat fuq il-prinċipji ta' ftuħ, trasparenza u nondiskriminazzjoni. Il-**Figura 3** turi l-istruttura ta' governanza tal-akkwist pubbliku.


### 05

Fi ħdan l-UE, l-akkwist pubbliku huwa rregolat mid-direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, li jistabbilixxu regoli u proċeduri komuni li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom isegwu għal akkwisti ta' valur għoli<sup>7</sup>. Ir-regoli huma intenzjonati biex jiżguraw li l-kumpanji minn madwar is-suq uniku jkollhom l-opportunità li jikkompetu għal kuntratti pubbliċi. Dawn ir-regoli madwar l-UE japplikaw irrispettivament minn jekk il-fondi humiex purament nazzjonali jew jekk il-fondi tal-UE humiex involuti. Id-direttivi tal-UE japplikaw ukoll fiż-Żona Ekonomika Ewropea.

- 6 Sa mill-bidu tal-2015, il-GPA għandu 15-il parti li jinkludu 43 membru tad-WTO. 28 membru ieħor tad-WTO jipparteċipaw fil-Kumitat tal-GPA bħala osservaturi. Minn dawn, 10 membri huma fil-proċess ta' adeżjoni mal-Ftehim.
- 7 Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114), id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1). Dawn se jiġu sostitwiti b'direttivi riveduti u b'direttiva ġdida dwar l-għoti ta' konċessjonijiet, li ġew ippubblikati fis-17 ta' April 2014 u li għandhom jiġu implimentati sat-18 ta' April 2017 (il-paragrafu 67). Il-kuntratti għad-difiża u s-servizzi ta' interess ġenerali huma koperti minn regoli oħra.

Figura 3

## Governanza tal-akkwist pubbliku



Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

## Introduzzjoni

### 06

Bħad-direttivi kollha, id-direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku għandhom jiġu trasposti, jiġifieri implimentati, mill-Istati Membri fil-liġi nazzjonali. Dawn id-direttivi jistabbilixxu standards minimi u jgħinu biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi, filwaqt li jagħtu wkoll lill-Istati Membri l-possibbiltà li jirreaġixxu għal u li jakkomodaw partikolaritajiet u ħtiġijiet nazzjonali. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jgħaddu liġijiet li huma aktar speċifiċi jew aktar stretti f'ċerti aspetti. L-Istati Membri għandhom ukoll diskrezzjoni konsiderevoli fir-rigward tal-arranġamenti amministrattivi stabbiliti biex jiżguraw konformità mar-regoli tal-UE.

### 07

Mhux l-akkwisti kollha jaqgħu taħt l-ambitu tad-direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku. Id-direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku jistipulaw sollijiet minimi ta' valur<sup>8</sup>, li taħthom il-kuntratti huma soġġetti biss għal regoli nazzjonali. Madankollu, fil-każijiet kollha, l-offerti jridu jkunu konformi mal-prinċipji tat-Trattat (ara l-**Figura 2**).

### 08

L-offerti fl-ambitu tad-direttivi tal-UE jeħtieġ li jiġu ppubblikati online fid-database "Tender Electronic Daily" (TED). Il-proporzjon tal-valur tal-offerti ppubblikati fit-TED għall-Prodott Domestiku Gross (PDG) jista' jintuża bħala indikatur ta' kif l-akkwist pubbliku jintuża b'mod wiesa' madwar l-UE. Fl-2012, il-valur totali tal-offerti ppubblikati fit-TED kien ta' 3.1 % tal-PDG tal-UE<sup>9</sup>. F'xi Stati Membri, is-sottomossjoni tal-offerti 'l fuq mis-soll tintuża inqas minn din il-medja, b'rati ferm inqas minn 3.1 %, pereżempju, fil-Ġermanja (1.1 %), fl-Awstrija (1.5 %), fl-Irlanda (1.5 %) u fil-Lussemburgu (1.6 %). Il-Kummissjoni tinsab f'kuntatt mal-Ġermanja biex jiġu aċċertati r-raġunijiet għal dan<sup>10</sup>.

## Politika ta' koeżjoni u akkwist pubbliku

### 09

Għall-perjodi ta' programmazzjoni 2007-2013, EUR 349 biljun ġew allokati fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni (FK) u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE); għall-2014-2020 ġew allokati EUR 367 biljun<sup>11</sup>.


- 8 L-aktar sollijiet komunement użati mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2015 huma: EUR 5 186 000 għal kuntratti għal xogħlijiet, u EUR 134 000 għal kuntratti għal servizzi u provvisti pubbliċi. Sollijiet oħra huma applikabbli għal utilitajiet u għal awtoritajiet kontraenti subċentrali.
- 9 Ara l-Public Procurement Indicators 2012 (Indikaturi tal-Akkwist Pubbliku 2012), ippubblikat mid-DG Markt – Economic analysis and e-Procurement (DG Markt – Analiżi ekonomika u Akkwist elettroniku) fit-12 ta' Novembru 2014.
- 10 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2014 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2014 tal-Ġermanja u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Ġermanja 2014 (ĠU C 247, 29.7.2014, p. 20).
- 11 Approprijazzjonijiet ta' impenn fil-prezzijiet attwali għall-Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Sors: "Il-Qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 u l-baġit tal-UE 2014, il-Kummissjoni tal-UE".



Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Figura 4

Korpi li għandhom rwol fil-politika ta' koeżjoni u l-akkwist pubbliku



Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

10

Ir-responsabbiltà għall-infiq tal-UE taħt il-politika ta' koeżjoni hija kondiviża bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri (ara l-**Figura 4** u l-**Anness I**). Parti sinifikanti minn dawn il-flus, b'mod partikolari għall-FEŻR u l-FK, tintnefaq permezz tal-akkwist pubbliku. Kważi nofs it-tranżazzjonijiet kollha awditjati mill-Qorti b'rabta ma' dawn it-tliet fondi kienu jinvolvu akkwist wieħed jew bosta akkwisti.

11

L-Istati Membri għandhom l-oqfsa ta' ġestjoni pubblika u ta' kontroll tagħhom stabbiliti biex jittrattaw kemm in-nefqa pubblika nazzjonali kif ukoll dik tal-UE, li jinvolvu firxa wiesgħa ta' awtoritajiet pubbliċi, inklużi l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (SAIs).

Proċeduri ta' akkwist pubbliku: kif jaħdmu?

12

Wara t-tħejjija inizjali tal-proġett u l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet, il-proċeduri ta' akkwist pubbliku jinvolvu tliet fażijiet prinċipali, kull waħda b'passi speċifiċi (ara l-**Figura 5**).

Figura 5

Il-fażijiet prinċipali tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku



Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

## 13

L-istadji ddettaljati ta' kull fażi jiddependu fuq liema proċedura speċifika ta' akkwist pubbliku tiġi applikata (il-**Kaxxa 1** tagħti deskrizzjoni tat-tipi prinċipali ta' proċeduri). Il-kuntratti jistgħu jingħataw jew abbażi tal-prezz biss jew inkella lill-offerent li jkun qed jippreżenta l-offerta l-aktar vantaġġjuża ekonomikament. Il-maġġoranza tal-kuntratti (70 %) jingħataw fuq il-bażi tal-aħħar<sup>12</sup>.

12 "Public Procurement in Europe, Cost and effectiveness" (Akkwist Pubbliku fl-Ewropa, Spiża u effettività), studju dwar ir-regolament dwar l-akkwist, imħejji għall-Kummissjoni Ewropea minn PwC, London Economics u Ecorys, Marzu 2011, p. 5.

### Kaxxa 1

#### Is-sitt tipi prinċipali ta' proċedura ta' akkwist pubbliku taħt id-Direttivi tal-2014

**Proċeduri miftuħa.** L-aktar li jintużaw ta' spiss, li jirrappreżentaw 51 % tal-kuntratti kollha mogħtija. L-offerti jridu jiġu ppreżentati sa ċerta data u l-offerti kollha ammissibbli jiġu evalwati<sup>13</sup>.

**Proċedura ristretta.** Il-fornituri interessati l-ewwel jintalbu jipprovdu l-kwalifiki tagħhom, imbagħad titfassal lista mqassra u l-fornituri fuq il-lista mqassra biss jiġu mistiedna jissottomettu offerta.

**Djalogu kompetittiv.** Użat għal akkwisti aktar kumplessi. Il-proċedura tinvolvi djalogu bejn l-awtorità kontraenti u l-fornituri potenzjali, bl-għan li jidentifikaw u jiddefinixxu l-aħjar struttura legali u/jew finanzjarja ta' proġett biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet jew l-oġettivi tal-awtorità kontraenti.

**Proċedura kompetittiva permezz tan-negożjar.** Wara sejħa għal offerti u evalwazzjoni inizjali, l-awtorità kontraenti tistieden lill-operaturi ekonomiċi magħżula tagħha biex jissottomettu offerta inizjali. Hija mbagħad tinnegozja l-offerti inizjali u dawk kollha sussegwenti, ħlief għall-offerta finali, bil-ħsieb li ttejjeb il-kontenut tagħhom.

**Proċedura nnegożjata** mingħajr pubblikazzjoni tista' tintuża biss f'għadd żgħir ta' każijiet predeterminati. L-awtorità kontraenti tidħol f'negożjar ta' kuntratti ma' fornitur wieħed jew aktar.

**Šhubija għall-Innovazzjoni.** L-awtorità kontraenti tagħżel fornituri wara reklamar, u tuża approċċ innegożjat biex tistedinhom jippreżentaw ideat għall-iżvilupp ta' xogħlijiet, provvisti jew servizzi innovattivi mmirati lejn l-issodisfar ta' ħtieġa li għaliha ma jeżisti l-ebda "prodott" adatt fis-suq. L-awtorità kontraenti tista' tagħti šhubijiet bħal dawn lil aktar min fornitur wieħed.

13 Ara l-Annual Public Procurement Implementation Review 2013 (Analiżi Annwali ta' Implimentazzjoni tal-Akkwist Pubbliku għall-2013) ippubblikata mid-DG Suq Intern u Servizzi fl-1 ta' Awwissu 2014.

# Ambitu u approċċ tal-awditjar

## 14

Il-Qorti eżaminat jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri humiex qed jieħdu azzjonijiet xierqa u effettivi biex jindirizzaw il-problema ta' żbalji fl-akkwist pubbliku fil-qasam tal-Koeżjoni, u fit-txet li tindirizza l-mistoqsijiet li ġejjin.

- (a) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri analizzaw il-problema ta' żbalji fl-akkwist pubbliku fil-politika ta' koeżjoni?
- (b) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri ħadu azzjoni xierqa biex jindirizzaw il-problema u din l-azzjoni kienet effettiva?

## 15

L-awditu kopra r-riżultati tal-awditi tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti fil-perjodu mill-2009 sal-2013, u ħa kont tal-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni u l-Istati Membri mill-2009 sal-2014 biex tiġi indirizzata l-problema ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku.

## 16

Ir-riżultati tal-awditjar huma bbażati fuq:

- (a) analiżi ta' dokumentazzjoni rilevanti tal-Kummissjoni;
- (b) intervisti ma' uffiċjali tal-Kummissjoni;
- (c) stħarriġ ta' 115-il Awtorità tal-Awditjar f'27 Stat Membru (li ma jinkludux il-Kroazja) responsabbli għall-programmi operazzjonali tal-FEŻR, l-FSE u l-FK, li 69 minnhom wieġbu. L-oġettiv prinċipali tal-istħarriġ kien li jiġbor informazzjoni dwar il-qafas tal-akkwist pubbliku, l-iżbalji fl-akkwist pubbliku maqbuda, u l-azzjonijiet preventivi u korrettivi meħuda fil-livell nazzjonali;
- (d) żjarat f'erba' Stati Membri (ir-Repubblika Ċeka, Spanja, l-Italja, u r-Renju Unit), li fihom kienu nqabdu għedud kbar ta' żbalji fl-akkwist pubbliku fl-awditi tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti fil-perjodu mill-2009 sal-2013;
- (e) żjara f'Ċipru, li tiffoka fuq l-użu tal-akkwist elettroniku; u
- (f) stħarriġ qasir mibgħut lit-28 SAI fl-UE, li 18 minnhom wieġbu.

## 17

L-awditu fittex li, fejn possibbli, jidentifika Prattiki tajbin li jistgħu jiġu kondiviżi bejn l-Istati Membri.

## 18

L-osservazzjonijiet huma stipulati f'żewġ taqsimiet:

- (a) L-ewwel taqsima tippreżenta s-sommarju tas-sejbiet tal-awditjar relatati mal-akkwist tal-Qorti fir-rigward tal-FEŻR, il-FK u l-FSE mill-2009-2013, u teżamina jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhomx **bażi analitika robusta** għall-fehim tal-problema ta' żbalji fl-akkwist pubbliku, u;
- (b) it-tieni taqsima tiddeskrivi l-**azzjonijiet meħuda** kemm mill-Kummissjoni kif ukoll mill-Istati Membri fis-snin reċenti u tevalwa, fejn possibbli, l-effettività tagħhom.

## L-analiżi sistematika ta' żbalji fl-akkwist pubbliku mill-Kummissjoni u l-Istati Membri hija limitata ħafna

### In-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku għadu sors sinifikanti ta' żball fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni

#### X'jikkostitwixxi żball?

## 19

Żball iseħħ meta ma jkunx hemm konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku nazzjonali u/jew tal-UE. Għall-finijiet ta' dan ir-rapport, jiġu distinti tliet tipi ta' żball, kif jintwera fit-**Tabella 1**.

Tabella 1

### Tipoloġija ta' żbalji użati f'dan ir-rapport, bl-eżempji<sup>1</sup>

Tip ta' żball	Deskrizzjoni	Eżempji
<b>Serju</b>	Ksur serju tar-regoli, bir-riżultat li l-kompetizzjoni kienet imfixkla u/jew il-kuntratti tqiesu li ngħataw lil dawk li ma kinux l-aħjar offerenti	(a) għotja diretta - kuntratt mogħti mingħajr rikors għal proċedura ta' akkwist pubbliku, f'każijiet fejn dan kellu jkun; (b) għotja ta' xogħlijiet jew servizzi addizzjonali sinifikanti u/jew prevedibbli mingħajr rikors għal proċedura ta' akkwist pubbliku, f'każijiet fejn dan kellu jkun; (c) kriterji illegali tal-għażla/għoti jew l-applikazzjoni skorretta tagħhom, li jirriżultaw f'eżitu differenti tal-offerta.
<b>Sinifikanti</b>	Ksur sinifikanti tar-regoli, iżda minkejja dan jitqies li l-kuntratti ngħataw lill-aħjar offerenti	(a) kriterji illegali tal-għażla/għoti jew l-applikazzjoni skorretta tagħhom, iżda li ma jirriżultawx f'eżitu differenti tal-offerta; (b) mhux il-kriterji kollha tal-għażla/għoti jiġu ppubblikati fl-ispeċifikazzjoni tal-offerta; (c) kompetizzjoni limitata minħabba urġenza mhux iġġustifikata.
<b>Żgħir</b>	Żbalji inqas serji, u spiss formali, li ma kellhomx impatt detrimental fil-livell ta' kompetizzjoni	(a) il-pubblikazzjoni tal-avviż tal-għoti ta' kuntratt tkun saret aktar tard milli meħtieġ, jew xejn; (b) in-nuqqas ta' publikazzjoni ta' avviż bħal dan fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE.

<sup>1</sup> Fil-kuntest tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti, l-iżbalji deskritti hawnhekk bħala serji huma msemmija bħala żbalji "kwantifikabbli". Dawn l-iżbalji jikkontribwixxu għar-rata ta' żball stmata tal-Qorti. Ara r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-2013, l-Anness 1.1 (ĠU C 398, 12.11.2014).

**Żbalji maqbuda mill-Qorti fl-awditi tagħha tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni għall-2009-2013**

**20**

Matul il-perjodu 2009-2013, bħala parti mill-ħidma annwali tagħha fuq id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, il-Qorti eżaminat aktar minn 1 400 tranżazzjoni<sup>14</sup> kofinanzjata mill-baġit tal-UE permezz tal-FEŻR, il-FK u l-FSE, inkluża l-verifika tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku relatati ma' kważi 700 proġett. Żbalji relatati mal-akkwist pubbliku nqabdu f'madwar 40 % ta' dawn il-proġetti kollha. B'kollox, inqabdu kważi 590 żball. Il-**Figura 6** turi d-distribuzzjoni ta' dawn l-iżbalji skont is-serjetà tagħhom.


**21**

L-iżbalji serji kienu jirrappreżentaw 48 % tar-rata ta' żball stmata tal-Qorti għall-FEŻR u l-FK u 16 % għall-FSE matul il-perjodu 2009-2013. L-akbar sehem ta' żbalji **serji**, 70 %, inqabad fil-FEŻR. Dan seħħ parzjalment, minħabba li l-programmi tal-FEŻR u l-FK ġeneralment jinvolvu proġetti akbar tal-infrastruttura li fihom il-kuntratti spiss ikunu soġġetti għal proċeduri pubbliċi ta' sottomissjoni tal-offerti<sup>15</sup>. L-**Anness II** jagħti dettalji fil-qosor ta' kif l-iżbalji huma distribwiti fit-tliet fondi: il-FEŻR, il-FK u l-FSE.

- 14 B'mod ġenerali, tranżazzjoni waħda hija relatata ma' proġett wieħed. Iżda, f'ċerti każijiet, bosta tranżazzjonijiet jistgħu jkunu relatati ma' proġett wieħed.
- 15 Proġetti kofinanzjati mill-FSE spiss jinkludu servizzi, bħal edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, li mhumiex għalkollox fl-ambitu tad-direttiva (l-Anness II B tad-Direttiva 2004/18/KE; emendat bl-Anness VII tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 213/2008 tat-28 ta' Novembru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2195/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Vokabolarju Komuni tal-Akkwist (CPV) u d-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/17/KE u 2004/18/KE dwar il-proċeduri ta' akkwist pubbliku, fir-rigward tar-reviżjoni tas-CPV (ĠU L 74, 15.3.2008, p. 1)).

**Figura 6**

**Distribuzzjoni ta' żbalji misjuba fl-Awditi tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti għall-2009-2013, fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni, skont is-serjetà tagħhom**



Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

## 22

Inqabdu żbalji matul il-fażijiet ta' akkwist, bl-akbar sehem ta' żbalji serji maqbuda fil-fażi ta' sottomissjoni tal-offerti minn qabel:

- (a) **Fil-fażi ta' sottomissjoni tal-offerti minn qabel**, il-biċċa l-kbira mill-żbalji maqbuda, 71 (82 %) minn 87, kienu **serji**. L-awtoritajiet kontraenti evitaw għalkollox proċeduri ta' akkwist billi taw kuntratti direttament fejn kellha titwettaq proċedura ta' akkwist, jew qasmu l-kuntratti f'offerti iżgħar biex jevitaw li jaqbu s-sollijiet, jew użaw proċedura mhux
- (b) **Fil-fażi tas-sottomissjoni tal-offerti**, il-biċċa l-kbira mill-iżbalji **serji** nqabdu fl-ispeċifikazzjoni u l-applikazzjoni ta' kriterji tal-għażla/ għoti. L-iżbalji relatati mar-rekwiżiti ta' pubblikazzjoni u trasparenza kienu jirrappreżentaw għall-ogħla għadd ta' żbalji b'mod kumplesiv (186 minn 587 żball), li terz minnhom kienu **sinifikanti** (ara l-eżempju fil-**Kaxxa 3**).

xierqa. Ħafna kuntratti li ngħataw direttament b'dan il-mod kienu jinvolvu l-għoti ta' servizzi aktar milli ta' xogħlijiet (ara l-eżempju fil-**Kaxxa 2**);

## Kaxxa 2

### Eżempju ta' żball serju fejn kien hemm assenza totali ta' akkwist pubbliku

Fi proġett tal-FEŻR fil-**Polonja**, li l-oġettiv tiegħu kien li tinbena triq bajpass għal belt kbira, l-awtorità kontraenti ddeċidiet li tagħti, permezz ta' proċedura nnegożjata ma' operatur ekonomiku wieħed, kuntratt li jikkonċerna s-"superviżjoni tal-awtur" mill-arkitett<sup>16</sup>. Kien imissha ntużat proċedura miftuħa jew ristretta li tippermetti kompetizzjoni b'aktar minn offerent wieħed. Il-valur ikkuntrattat kien ta' madwar EUR 300 000.

<sup>16</sup> Is-"superviżjoni tal-awtur" tiggarantixxi l-eżekuzzjoni eżatta tal-proġett, aderenza għar-regoli u n-normi arkitettoniċi, teknoloġiċi, stilistiċi u ta' kostruzzjoni, u ttejjija tad-dokumentazzjoni tal-proġett meħtieġa biex il-proġett jibda jopera.

## Kaxxa 3

### Eżempju ta' żball sinifikanti fejn ma kienx hemm konformità mar-rekwiżiti ta' reklamar u trasparenza



Fir-**Repubblika Ċeka**, għal proġett ta' kostruzzjoni tal-awtostrada li rċieva bejn wieħed u ieħor EUR 87 miljun taħt il-Fond ta' Koeżjoni, l-awtorità kontraenti ma speċifikatx fis-sejħa għall-offerti r-rekwiżiti minimi dwar il-kompetenza teknika. B'riżultat ta' dan, ir-rekwiżiti ta' trasparenza u reklamar ma ġewx irrispettati.

© Id-Dipartiment tat-toroq u l-awtostradi tar-Repubblika Ċeka

- (c) Fil-fażi tal-ġestjoni tal-kuntratti, 31 (42 %) mill-74 żball maqbud kienu **serji** u kienu jikkonċernaw modifiki jew estensjonijiet fl-ambitu tal-kuntratti mingħajr l-użu ta' proċedura ta' akkwist fejn proċedura bħal din kienet meħtieġa (ara l-eżempju fil-**Kaxxa 4**).

## 23

L-**Anness III** jipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar id-distribuzzjoni ta' żbalji matul il-fażijiet differenti ta' sottomissjoni tal-offerti minn qabel, ta' sottomissjoni tal-offerti u ta' ġestjoni tal-kuntratti.

## 24

Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti dwar il-kawżi ta' żbalji fl-iżvilupp rurali juri stampa simili. Għadd sinifikanti ta' żbalji fl-akkwist pubbliku kienu dovuti għal għoti dirett mhux ġustifikat, applikazzjoni skorretta ta' kriterji tal-għażla u tal-għoti, u nuqqas ta' trattament indaqs tal-offerenti<sup>17</sup>.

17 Ir-Rapport Speċjali Nru 23/2014 "Żbalji fin-nefqa għall-iżvilupp rurali: x'jikkawżahom, u kif qed jiġu indirizzati?" (<http://eca.europa.eu>).

### Eżempju ta' żball serju li jikkonċerna modifiki fl-ambitu tal-kuntratt

Fi **Spanja**, kuntratt għall-kostruzzjoni ta' installazzjoni tat-trattament tal-ilma mormi, li rċieva bejn wieħed u ieħor EUR 33 miljun taħt il-FEŻR, inizjalment inħareġ għall-offerti u ngħata b'mod korrett. Sussegwentement, aktar minn nofs ix-xogħlijiet ikkuntrattati ġew sostitwiti b'xogħlijiet oħra li kienu jinvolvu teknoloġiji, materjali u kwantitajiet differenti. Għalkemm l-iskop tal-proġett u l-prezz kumplessiv ma nbidilx, ix-xogħlijiet li eventwalment saru kienu sostanzjalment differenti minn dawk offruti oriġinarjament. Konsegwentement, aktar minn nofs ix-xogħlijiet finali ma kinux għaddew mill-proċedura tal-offerti.

## Hemm diversi kawżi ta' żbalji fl-akkwist pubbliku

### Kumplessità, nuqqas ta' kapaċità amministrattiva u ppjanar insuffiċjenti

#### 25

Ċertu livell ta' kumplessità huwa inerenti fi kwalunkwe sistema tal-akkwist pubbliku. Madankollu, il-livell attwali ta' **kumplessità** tal-qafas legali u amministrattiv jitqies bħala problema. Skont 90 % tad-69 Awtorità tal-Awditjar li wiegħbu għall-istħarriġ imwettaq

għal dan l-awditu (ara l-paragrafu 16), il-qafas legali għall-akkwist pubbliku fil-pajjiż tagħhom huwa aktar kumpless milli jeħtieġ li jkun. Dawk li wiegħbu għall-istħarriġ innutaw li l-iżbalji huma prinċipalment ikkawżati minn volum għoli ta' leġislazzjoni u/jew linji gwida, id-diffikultà tal-applikazzjoni tagħhom fil-prattika, u n-nuqqas ta' kompetenza fit-twettiq tal-proċedura ta' akkwist pubbliku. Kważi nofs dawk li wiegħbu nnutaw li l-qasam prinċipali għat-titjib tal-prattika tal-akkwist pubbliku jista' jkun is-simplifikazzjoni tal-proċeduri. Ara l-**Kaxxa 5** għal fehma dwar is-sitwazzjoni f'wieħed mill-Istati Membri miżjura għall-awditu.

#### Kaxxa 5

### Il-problema tal-kumplessità u l-volum għoli ta' leġislazzjoni: eżempju minn Stat Membru

Awtoritajiet fl-**Italja** intervistati għal dan l-awditu qiesu l-qafas leġislattiv tal-akkwist pubbliku bħala kumpless minħabba l-wisa' u l-fond tal-leġislazzjoni, u l-kumplessità tal-proċeduri stipulati kemm għall-awtoritajiet kontraenti kif ukoll għall-kumpaniji tal-offerti involuti. Barra minn hekk, il-liġi prinċipali Taljana dwar l-akkwist pubbliku ġiet frekwentement emendata, u b'hekk dan ikkumplika l-applikazzjoni. Skont l-Awtorità Taljana ta' kontra l-Korruzzjoni, il-bidliet prinċipali għall-atti leġislattivi prinċipali dwar l-akkwist pubbliku mill-2009 jinsabu fi 22 att leġislattiv. Il-volum għoli ta' leġislazzjoni jidied billi jkun hemm regoli speċifiċi għall-fondi dwar l-akkwist pubbliku - pereżempju, id-deċiżjoni tal-Ministeru tal-Impjiegi li tistabbilixxi dispożizzjonijiet addizzjonali li jikkonċernaw l-akkwist pubbliku għall-kuntratti taħt is-sollijiet għall-proġetti kofinanzjati mill-FSE. F'Ġunju 2014, grupp ta' ħidma magħmul minn rappreżentanti Taljani u tal-Kummissjoni ġie stabbilit biex jappoġġa s-simplifikazzjoni fil-kuntest tat-traspożizzjoni tad-direttivi 2014 tal-UE fil-leġislazzjoni nazzjonali.

#### 26

In-nuqqas ta' **kapaċità amministrattiva** huwa relatat ma' nuqqas kemm ta' għarfien tar-regoli kif ukoll ta' kompetenza teknika li jikkonċernaw ix-xogħlijiet jew is-servizzi speċifiċi li qed jiġu akkwistati. Din il-problema hija relatata mhux biss mal-awtoritajiet kontraenti iżda wkoll mal-awtoritajiet responsabbli għall-monitoraġġ ta'

dawn il-proċeduri. L-esperjenza tal-Qorti meta tawditja l-iżbalji fl-akkwist pubbliku tissuġġerixxi li l-problemi ta' nuqqas ta' konformità huma relatati mal-implimentazzjoni dgħajfa ta' regoli eżistenti<sup>18</sup>. Żbalji klerikali wkoll iwasslu għal żbalji. Ara l-**Kaxxa 6** għal eżempju minn wieħed mill-Istati Membri miżjura għall-awditu.

18 Ara l-Opinjoni tal-Qorti Nru 4/2011 dwar il-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-Modernizzazzjoni tal-Politika ta' Akkwist Pubbliku (ĠU C 195, 2.7.2011, p. 1) u l-Analiżi panoramika reċenti tagħha "Nagħmlu l-aħjar użu minn flus l-UE: analiżi panoramika tar-riskji għall-ġestjoni finanzjarja tal-baġit tal-UE", il-paragrafu 30 u l-iskeda informattiva individwali fiha dwar l-akkwist, il-paragrafu 16 (<http://eca.europa.eu>).

## 27

L-**ippjanar insuffiċjenti** ta' proġetti u ta' proċeduri ta' sottomissjoni tal-offerti huwa wkoll kawża ta' żball, partikolarment dawk li jseħħu fil-fażi tal-ġestjoni tal-kuntratti dwar il-modifika jew l-estensjoni tal-kuntratti.

### Id-direttivi tal-UE mhux dejjem jiġu trasposti b'mod korrett mill-Istati Membri

## 28

Kull Stat Membru huwa meħtieġ li jittrasponi d-direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Meta l-Kummissjoni tqis li

t-traspożizzjoni ma tkunx f'konformità mad-direttivi jew il-prinċipji prinċipali ma jiġux segwiti, hija tista' tibda proċedura ta' ksur<sup>19</sup> u, fl-aħħar mill-aħħar, tirreferi l-każ lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. Il-Kummissjoni fetħet 74 proċedura b'hal din fil-perjodu 2009-2013, li minnhom 8 kienu ġew riferuti lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja sa tmiem l-2014 (ara l-**Anness IV** għal analiżi ta' dawn il-proċeduri skont l-Istat Membru kull sena). Applikazzjoni/traspożizzjoni skorretta b'hal din tista' twassal ukoll għal żbalji (ara l-**Kaxxa 7** għal eżempju).

19 Meta jitqies li l-Artikolu 258 tat-TFUE jiddefinixxi ksur b'hal nuqqas ta' Stat Membru li jwettaq xi obbligu taft it-Trattati.

## Kaxxa 6

### Sfidi dwar il-kapaċità amministrattiva: eżempji minn Stat Membru

Fl-**Italja**, ir-riskju li ħafna awtoritajiet kontraenti jkollhom nuqqas ta' kompetenza ġie aggravat mill-għadd għoli ħafna ta' awtoritajiet b'hal dawn. Hemm 40 000 awtorità kontraenti, u 70 000 jekk jingħaddu ċ-ċentri kollha tal-ispejjeż. Għal kategoriji speċifiċi ta' oġġetti u servizzi, leġiżlazzjoni Taljana reċenti tipprevedi tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' awtoritajiet kontraenti, u b'hekk tikkonċentra l-kompetenza tal-akkwist pubbliku fi ħdan inqas awtoritajiet kontraenti.

## Kaxxa 7

### Eżempju ta' żbalji minħabba traspożizzjoni skorretta tad-direttivi fil-liġi nazzjonali

Fi **Spanja**, l-adattament inadegwat tad-direttivi tal-2004 fil-leġiżlazzjoni Spanjola kkawża żbalji frekwenti fir-rigward tal-emendi tal-kuntratt. L-awtoritajiet Spanjoli ddeċidew għalhekk li l-ispejjeż tal-emendi tal-kuntratt ma kinux aktar eliġibbli għall-kofinanzjament mill-UE. Fl-2012 biss, wara l-modifika tal-leġiżlazzjoni, ċerti emendi kuntrattwali, taħt ċirkostanzi speċifiċi, tqiesu li huma eliġibbli għal darb'oħra mill-awtoritajiet Spanjoli.

### Xi drabi l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni hija inkonsistenti

#### 29

L-iżbalji jistgħu jirriżultaw ukoll minn differenzi fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali. Pereżempju:

- (a) Fir-Repubblika Ċeka, l-awtoritajiet irrapportaw li interpretazzjonijiet differenti tal-istess kwistjoni bejn korpi differenti – eż. l-Awtoritajiet Maniġerjali, l-Awtoritajiet tal-Awditjar, is-SAI, l-uffiċċji tal-akkwist pubbliku, il-Kummissjoni Ewropea - wasslu għal riżultati tal-awditjar differenti u inċertezza legali;
- (b) Fl-Italja, hemm interpretazzjonijiet differenti fost l-awtoritajiet kontraenti tal-kunċett ta' dak li jikkostitwixxi avveniment mhux prevedibbli li jista' jiġġustifika l-modifika ta' kuntratt mingħajr l-użu ta' proċedura ta' akkwist pubbliku. B'riżultat ta' dan, xi awtoritajiet nazzjonali jqisu li

ċerti modifiki tal-kuntratt jikkonformaw mar-regoli nazzjonali, filwaqt li l-Awtoritajiet tal-Awditjar u l-Kummissjoni jqisu li l-istess modifiki huma irregolari. L-iżbalji relatati ma' każijiet bħal dawn huma raġuni importanti ħafna għal korrezzjonijiet finanzjarji fl-Italja: fis-snin 2010 sal-2012, il-valur ta' dawn il-korrezzjonijiet kien ta' madwar EUR 8 miljun. Fiż-żmien tal-awditu, l-Italja kienet qed tfitx li tindirizza din il-problema fil-qafas tal-pjan ta' azzjoni tal-akkwist pubbliku nazzjonali tagħha (ara l-paragrafu 65).

### L-Istati Membri xi drabi jikkumplikaw il-qafas b'regolament addizzjonali

#### 30

Xi Stati Membri jistabbilixxu, f'livell nazzjonali, regoli li jmorru lil hinn mid-direttivi tal-UE dwar ċerti aspetti tal-akkwist pubbliku (ara l-**Kaxxa 8**).

### Eżempju ta' regoli nazzjonali tal-akkwist li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti tad-Direttivi tal-UE

Fir-**Repubblika Ċeka**, il-liġi nazzjonali tistabbilixxi limitu ta' 20 % biex jiżdied il-valur ta' kuntratt minħabba ċirkostanzi mhux prevedibbli, b'kuntrast mal-limitu ta' 50 % stabbilit fid-Direttiva tal-UE. Filwaqt li l-objettiv tar-Repubblika Ċeka kien li żżid it-trasparenza, uħud mill-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet kontraenti tagħha jqisu dan bħala kumplikazzjoni bla meħtieġ.

**Frodi tista' tkun kawża ta' żball fl-arena tal-akkwist pubbliku**

**31**

Skont l-OECD, l-akkwist pubbliku huwa l-attività tal-gvern l-aktar vulnerabbli għall-iskart, il-frodi u l-korruzzjoni minħabba l-komplessità tiegħu, id-daqs tal-flussi finanzjarji li jiġġenera u l-interazzjoni mill-qrib bejn is-settur pubbliku u dak privat<sup>20</sup>.

**32**

Hemm obbligu legali biex l-Istati Membri jirrapportaw lill-Kummissjoni kull tliet xhur l-irregolaritajiet kollha li jaqbżu l-EUR 10 000 u jindikaw dawk fejn jissuspettaw li kien hemm frodi involuta<sup>21</sup>. L-Uffiċċju Ewropew kontra l-frodi (OLAF) jiġbor din l-informazzjoni f'isem il-Kummissjoni permezz tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS). L-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri tinkludi t-tipi kollha ta' irregolaritajiet, inklużi dawk relatati

mal-akkwist pubbliku. Abbażi ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni tħejji r-rapport annwali tagħha dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u l-ġlieda kontra l-frodi<sup>22</sup>.


**33**

Fir-rigward tal-politika ta' koeżjoni, fil-perjodu mill-2007 sal-2013, 38 % ta' bejn wieħed u ieħor it-12 000 irregolarità rrapportati mill-Istati Membri lill-OLAF kienu relatati mal-akkwist pubbliku. Mill-irregolaritajiet relatati mal-akkwist pubbliku, 2 % ġew irrapportati li huma marbuta ma' frodi (ara l-Figura 7). Xi Stati Membri jirrapportaw lill-OLAF ftit li xejn irregolaritajiet li huma jqisu bħala frawdolenti. Pereżempju, Spanja u Franza ma rrapportaw l-ebda irregolarità relatata mal-akkwist pubbliku marbut mal-frodi bejn l-2007 u l-2013.

- 20 L-OECD, Fighting corruption in the public sector: integrity in procurement (Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur pubbliku: integrità fl-akkwist) ([www.oecd.org/gov/ethics/integrityinpublicprocurement.htm](http://www.oecd.org/gov/ethics/integrityinpublicprocurement.htm)).
- 21 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, l-Artikolu 28.
- 22 Ara SWD(2014) 244 final tas-17 ta' Lulju 2014 "Statistical evaluation of irregularities reported for 2013 Own Resources, Natural Resources, Cohesion Policy, Pre-accession and Direct expenditure" (Evalwazzjoni statistika tal-irregolaritajiet irrapportati għar-Riżorsi Propriji, ir-Riżorsi Naturali, il-Politika ta' Koeżjoni, Nefqa ta' qabel l-adeżjoni u Nefqa diretta tal-2013) p. 67 li jakkumpanja COM(2014) 474 final tas-17 ta' Lulju 2014 "Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea – Il-ġlieda kontra l-frodi, Rapport Annwali 2013".

Figura 7

**Irregolaritajiet irrapportati mill-Istati Membri lill-OLAF f'isem il-Kummissjoni permezz tal-IMS għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013**



Sors: L-OLAF.

### 34

Il-Qorti tirreferi lill-OLAF kwalunkwe proġett li tissuspetta li ġie affettwat minn frodi. Il-Qorti rreferiet 17-il proġett bħal dan lill-OLAF, li 6 minnhom kienu relatati mal-akkwist pubbliku, b'riżultat tal-ħidma tagħha fuq id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni dwar il-qasam tal-politika ta' koeżjoni fir-rigward tal-perjodu mill-2009 u sal-2013. L-OLAF fetaħ investigazzjoni għal 10 mis-17-il proġett, li 5 minnhom kienu relatati mal-akkwist pubbliku.

### **Analiżi komprensiva ta' żbalji fl-Istati Membri hija prekluziva minn nuqqas ta' data koerenti...**

### 35

Il-Qorti fittxet wkoll li tiddetermina jekk in-natura, is-serjeta' u l-kawża ta' żbalji fl-akkwist pubbliku fil-qasam tal-Koeżjoni kinux ġew analizati b'mod robust mill-Kummissjoni u l-Istati Membri. It-twettiq regolari ta' analiżi bħal din dwar għaliex l-iżbalji fl-akkwist pubbliku jseħħu, huwa meħtieġ biex jippermetti lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jfasslu u jimplimentaw miżuri b'mod effettiv biex jikkoreġu u jipprevienu żbalji bħal dawn.

### 36

Id-*data* relatata mal-iżbalji fl-akkwist pubbliku fi ħdan l-Istati Membri spiss tkun mifruxa madwar bosta istituzzjonijiet. Din lanqas ma hija sistematikament kondiviża ma' istituzzjonijiet oħra fi ħdan l-Istat Membru li, filwaqt li ma jkunux involuti direttament fil-ġestjoni tal-FEŻR, l-FSE u l-FK, għadhom rilevanti għall-implimentazzjoni tagħhom, pereżempju, dawk involuti fil-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku. Dan iżid ir-riskju li stampa kompleta tax-xejriet u l-problemi, li tista' tgħin biex tinforma l-iżvilupp ta' azzjonijiet preventivi, mhijiex disponibbli f'ċertu Stat Membru. Inħolqu gruppi ta' ħidma interdipartimentali fl-Italja, fir-Repubblika Ċeka u fir-Renju Unit biex jindirizzaw dan ir-riskju (ara l-paragrafu 82).

### 37

Dawk li wieġbu għall-istħarriġ tal-Awtoritajiet tal-Awditjar identifikaw kwistjonijiet simili għal dawk li rriżultaw mill-analiżi tal-Qorti tad-*data* proprja tagħha fir-rigward tat-tipi u s-serjeta' tal-iżbalji fl-akkwist pubbliku (ara l-paragrafu 20). Madankollu, l-Istati Membri wettqu analiżi sistematika u komprensiva limitata ħafna ta' żbalji fl-akkwist pubbliku biex jinformaw il-fehmiet tagħhom. Filwaqt li 60 mid-69 Awtorità tal-Awditjar li wieġbu għall-istħarriġ iddikjaraw li huma janalizzaw żbalji fl-akkwist pubbliku, 14 biss setgħu jipprovdu *data* strutturata fir-rigward ta' żbalji fl-akkwist pubbliku maqbuda fis-snin reċenti. Nofshom kienu mill-Italja, l-oħrajn mill-Belġju, mil-Latvja, mil-Litwanja, min-Netherlands u minn Spanja.

## Osservazzjonijiet

### 38

Il-Qorti sabet fl-erba' Stati Membri miżjura li:

- (a) L-awtoritajiet tal-Istati Membri li jimplimentaw politika ta' koeżjoni rarament investigaw il-kawżi ta' bażi tal-iżbalji;
- (b) fl-Italja biss, ma kien hemm l-ebda analiżi li tiffoka speċifikament fuq żbalji fl-akkwist pubbliku. Il-korp nazzjonali ta' koordinazzjoni tal-Awtoritajiet tal-Awditjar għamel analiżi tas-sors prinċipali ta' żbalji fl-Italja, jiġifieri, il-modifika tal-kuntratti u xogħlijiet addizzjonali.

### 39

In-nuqqas ta' *data* dettaljata b'mod suffiċjenti u koerenti dwar in-natura u l-estent ta' żbalji fl-akkwist pubbliku fi ħdan l-Istati Membri pprekluda analiżi komprensiva u robusta tal-kawżi ta' bażi fil-livell nazzjonali u tal-UE.

### 40

Mit-28 SAI tal-Istati Membri, 18 wiegħbu għall-istħarriġ tal-Qorti (ara l-paragrafu 16) dwar il-kwistjoni ta' jekk dawn iqisux il-proċeduri ta' akkwist pubbliku ffinanzjati b'fondi nazzjonali biss, li huma inqas jew aktar suxxettibbli għall-iżbalji meta mqabbla ma' proċeduri kofinanzjati ma' fondi tal-UE, jew jekk ma jipperċepixxu l-ebda differenza sinifikanti. Minn dawn:

- (a) 13 iddikjaraw li ma hemm l-ebda differenza sinifikanti meta mqabbla ma' proċeduri kofinanzjati mill-fondi tal-UE;

- (b) 2 iddikjaraw li l-proċeduri ta' akkwist pubbliku ffinanzjati mill-fondi nazzjonali biss huma aktar suxxettibbli għall-iżbalji minn proċeduri pubbliċi ffinanzjati mill-fondi tal-UE wkoll;
- (c) 3 iddikjaraw li ma setgħux jikkomentaw peress li ma kinux qabblu s-sejbiet tal-iżbalji, jew ma kellhom l-ebda indikazzjoni affidabbli tal-possibbiltà ta' żball peress li l-awditi tagħhom huma prinċipalment relatati mal-finanzjament nazzjonali tal-għoti ta' kuntratti.

### ... iżda hemm sinjali, fl-Istati Membri miżjura, li *d-data* qed tibda tinġabar b'mod aktar sistematiku

### 41

Fl-erba' Stati Membri miżjura għal dan l-awditu:

- (a) Tliet Stati Membri - l-Italja, ir-Repubblika Ċeka u Spanja - stabbilixxew databases fis-snin reċenti (ara l-**Kaxxa 9**). Databases bħal dawn setgħu jiffaċilitaw analiżi aktar komprensiva u regolari, u b'hekk iżidu l-fehim tal-iżbalji fl-akkwist pubbliku bħala bażi għat-tfassil ta' miżuri xierqa biex jiġu indirizzati l-problemi (ara l-paragrafu 89);
- (b) Fir-Renju Unit, l-ebda database bħal din ma kienet għadha ġiet stabbilita. L-Awtorità Maniġerjali tal-FEŻR għall-Ingilterra pprevediet l-inklużjoni ta' informazzjoni dettaljata dwar żbalji fl-akkwist pubbliku fis-sistema ta' informazzjoni maniġerjali tagħha għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

### Użu ta' databases strutturati dwar l-iżbalji fl-akkwist pubbliku fl-Istati Membri

Fl-**Italja**, il-Korp ta' koordinazzjoni tal-Awtoritajiet tal-Awditjar tal-FEŻR u tal-FSE kkumplimenta d-database tal-awditjar ġenerali tiegħu b'dettalji tat-tip ta' iżbalji kollha tal-akkwist pubbliku. Id-database fiha l-iżbalji kollha bħal dawn maqbuda mill-2010 'l hawn. Għal kull tip ta' iżball u għal kull Awtorità tal-Awditjar, id-database turi l-għadd ta' iżbalji maqbuda, flimkien ma' kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja relatata. Il-Qorti Taljana tal-Awdituri tuża wkoll id-database tagħha tal-irregolaritajiet bħala għodda għall-valutazzjoni tar-riskju fil-qasam tal-akkwist pubbliku.

Fir-**Repubblika Ċeka**, mill-2013 'il hawn, l-Awtorità tal-Awditjar tirreġistra s-sejbiet tagħha tal-akkwist pubbliku f'database strutturata, li tuża biex twettaq analiżi u tikkondividi r-riżultati ma' istituzzjonijiet oħra.

Fi **Spanja**, sa mis-snin bikrin tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 'il quddiem, id-database tal-Awtorità tal-Awditjar fiha dettalji tal-iżbalji fl-akkwist pubbliku li taqbad. Madankollu, fiż-żmien tal-awditu, din id-database kienet għadha ma ntużatx għal analiżi approfondita tan-natura ta' iżbalji bħal dawn.

### Il-Kummissjoni għadha ma tanalizzax b'mod komprensiv u sistematiku l-iżbalji fl-akkwist pubbliku

#### 42

Il-Qorti eżaminat jekk il-Kummissjoni hijiex qed tiġbor *data* u tibni databases biex tiffaċilita l-analiżi ta' iżbalji fl-akkwist pubbliku.

#### 43

Id-DĠ Suq Intern, Industrija, Intraprenditorija u SMEs (DĠ GROW) jimmonitorja indikaturi ewlenin dwar l-użu tal-akkwist pubbliku fl-Istati Membri li jużaw id-database TED, bħall-proporzjon tal-PDG li huwa soġġett għall-offerti jew għan-nefġiet pubbliċi nazzjonali minfuqa fuq l-akkwist pubbliku skont ir-regoli tal-UE (ara l-paragrafu 8).

#### 44

Id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana u d-DĠ Impjegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni jirċievu informazzjoni dwar l-iżbalji fl-akkwist pubbliku fl-infiq tal-politika ta' Koeżjoni mill-erba' sorsi prinċipali li ġejjin:

- (a) ir-Rapporti Annwali ta' Kontroll ippreżentati lill-Kummissjoni mill-Awtoritajiet tal-Awditjar tal-Istati Membri<sup>23</sup>. Madankollu, l-informazzjoni dwar l-iżbalji fl-akkwist pubbliku mhijiex ipprovduta b'mod li jkun jippermetti lill-Kummissjoni twettaq analiżi komprensiva dwar dawn l-iżbalji;
- (b) l-awditi proprji tal-Kummissjoni, li fihom in-natura, is-serjetà u l-kawżi ta' iżbalji fl-akkwist pubbliku jiġu analizzati fil-proġetti kofinanzjati mill-FEŻR / il-FK u l-FSE;
- (c) laqgħat bilaterali mal-awtoritajiet nazzjonali, b'mod partikolari l-Awtoritajiet tal-Awditjar; u
- (d) awditi mwettqa mill-Qorti bħala parti mill-ħidma annwali tagħha fuq id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni.

23 Ara r-Rapport Speċjali Nru 16/2013 "Valutazzjoni ta' "awditu uniku" (single audit) u d-dipendenza tal-Kummissjoni fuq ix-xogħol tal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar fil-Koeżjoni" (<http://eca.europa.eu>).

## 45

Sa issa, f'Mejju 2011, il-Kummissjoni wettqet analiżi orizzontali waħda li tifoka fuq l-iżbalji fl-akkwist pubbliku<sup>24</sup>. Din l-analiżi, imwettqa mid-DĠ Politika Reġjonali u Urbana, għamlet użu tal-awditi proprji tal-Kummissjoni u ta' dawk imwettqa mill-Qorti u wriet xejriet ġenerali fl-iżbalji maqbuda fil-FEŻR u l-Koeżjoni - il-FSE ma kienx inkluż - fil-perjodu mil-2007 sal-2010. La d-DĠ Politika Reġjonali u Urbana u lanqas id-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, ma wettqu analiżi bħal din minn dak iż-żmien 'il hawn. La d-DĠ Politika Reġjonali u Urbana u lanqas id-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, ma wettqu analiżi bħal din minn dak iż-żmien 'il hawn.

## 46

Filwaqt li l-Kummissjoni għandha ċertu ammont ta' *data* disponibbli dwar l-iżbalji fl-akkwist pubbliku minn madwar il-qasam tal-politika ta' koeżjoni, għadha ma żviluppax, database komprensiva u robusta tal-iżbalji kollha fl-akkwist pubbliku. Id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana kellu database stabbilita, li kienet tinkludi dettalji tal-biċċa l-kbira mis-sejbiet tal-awditjar mill-FEŻR u l-FK, inkluż dwar l-akkwist pubbliku. Madankollu, din kopriet l-2010 u l-2011 biss.

## 47

Id-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni jqis li l-iżvilupp ta' database ddedikata ta' żbalji fl-akkwist pubbliku fl-FSE mhuwiex mistħoqq minħabba l-impatt aktar baxx li żbalji bħal dawn għandhom fl-FSE meta mqabbla ma' dak fil-FEŻR u fil-FK (ara wkoll il-paragrafu 21). Għalhekk, ma wettaq l-ebda analiżi orizzontali u ma jippjanax li jistabbilixxi database ta' żbalji fl-akkwist pubbliku għall-FSE.

## 48

Database ta' irregolaritajiet, inklużi dawk li jinħolqu fl-akkwist pubbliku, tkun assi ta' valur għall-Kummissjoni, fl-għoti ta' ħarsa lejn in-natura, l-estent u l-kawżi ta' żbalji, biex b'hekk l-azzjonijiet li tiegħu jkunu jistgħu jiġu mmirati jew adattati kif meħtieġ. Mill-2008 'il hawn, l-OLAF kellu database magħrufa bħala s-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS). Permezz ta' din is-sistema, l-Istati Membri jirrapportaw informazzjoni lill-OLAF dwar l-irregolaritajiet (ara l-paragrafu 33). Madankollu, l-informazzjoni li tinsab fl-IMS dwar l-iżbalji fl-akkwist pubbliku ma tippermettix li ssir analiżi sinifikativa tan-natura, l-estent jew il-kawżi ta' bażi ta' żbalji. Meta pproduċiet ir-rapporti 2011 tagħha, il-Kummissjoni ma użatx is-sistema tal-IMS biex tanalizzax l-iżbalji fl-akkwist pubbliku fl-Istati Membri. Minn dak iż-żmien 'il hawn, id-*data* rrapportata mill-Istati Membri permezz tal-IMS qatt ma ntużat mill-Kummissjoni biex tanalizzax l-iżbalji fl-akkwist pubbliku.

24 "Dokument ta' Ħidma mħejji mid-DĠ Politika Reġjonali dwar is-sejbiet tal-awditjar prinċipali dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-akkwist pubbliku fl-Istati Membri misjuba fi proġetti kofinanzjati mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni taħt il-politika ta' koeżjoni" (CC/2011/08 EN), mhux disponibbli pubblikament. Ir-riżultati ta' din l-analiżi reġgħu ntużaw fid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni "Analysis of errors in cohesion policy for the years 2006-2009 – actions taken by the Commission and the way forward" (Analiżi ta' żbalji fil-politika ta' koeżjoni għas-snin 2006-2009 – azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni u t-triq 'il quddiem) SEC(2011)1179 ppubblikat fil-5 ta' Ottubru 2011.

## Il-Kummissjoni u l-Istati Membri bdew jimplimentaw azzjonijiet biex jindirizzaw il-problema, iżda għad fadal xi jsir

### 49

Il-Qorti fittxet li tiddetermina jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri ħadux azzjonijiet xierqa biex jindirizzaw il-problema ta' żbalji fl-akkwist pubbliku fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni. Azzjonijiet bħal dawn jistgħu jkunu ta' natura ġeneralment preventiva - miżuri mmirati lejn it-twaqqif ta' żbalji milli jseħħu fl-ewwel post, jew ta' natura korrettiva - bl-għan li jillimitaw l-impatt fuq il-baġit tal-UE ta' kwalunkwe żball maqbud. Azzjonijiet preventivi rilevanti f'dan il-kuntest jistgħu jkunu azzjonijiet leġiżlattivi, jiġifieri relatati mal-istabbiliment u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet legali, jew azzjonijiet relatati mas-sistema ta' ġestjoni u kontroll, bħal miżuri għat-titjib fil-kapaċità amministrattiva, li ma jinvolvu element leġiżlattivi.

### 50

Din il-parti tar-rapport tidentifika u, fejn ikun possibbli, tivvaluta l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni u fl-erba' Stati Membri miżjura waqt l-awditu.

## Azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni mill-2010 'l hawn bdew jimmiraw il-problema kumplessiva

### 51

Fir-rapporti u l-opinjonijiet tagħha, diġà fl-2006, il-Qorti identifikat problemi speċifiċi relatati mal-konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku nazzjonali u tal-UE fil-Koeżjoni<sup>25</sup>. Informata mix-xogħol tagħha fis-snin preċedenti<sup>26</sup>, il-Kummissjoni bdiet tiżviluppa azzjonijiet speċifiċi mmirati lejn l-indirizzar tal-problema kumplessiva matul l-2010 u l-2011.

### 52

Il-**Figura 8** turi kif l-azzjonijiet tal-Kummissjoni żviluppaw mill-2010 'l hawn.

- 25 Ara, pereżempju, ir-Rapport Annwali tal-Qorti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006 (ĠU C 273, 15.11.2007), ir-Rapport Annwali tal-Qorti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2009 (ĠU C 303, 9.11.2010), l-Opinjoni Nru 1/2010 "It-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-baġit tal-Unjoni Ewropea: Riskji u Sfidi", il-paragrafu 6 (<http://eca.europa.eu>).
- 26 Xogħol il-Kummissjoni dwar il-problema ta' żbalji fl-akkwist pubbliku fil-Koeżjoni qabel l-2010 kien jinkludi azzjonijiet korrettivi *ad hoc*, inklużi korrezzjonijiet finanzjarji, immirati lejn Stati Membri speċifiċi u l-ħruġ ta' linji gwida lill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji fir-rigward ta' żbalji fl-akkwist pubbliku.

## Azzjonijiet tal-Kummissjoni: Żviluppi prinċipali fis-snin reċenti

## 2010/2011

- Il-Kummissjoni tibda tiżviluppa **direttivi riveduti dwar l-akkwist pubbliku**
- Id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana jipproduċi **dokument ta' ħidma** li janalizza l-iżbalji fl-akkwist pubbliku fl-Istati Membri fil-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni
- Ikomplu **l-korrezzjonijiet u l-interruzzjonijiet finanzjarji** tal-Kummissjoni fil-qasam tal-politika ta' Koeżjoni
- Il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament għall-perjodu 2014-2020 tinkludi kundizzjonalità ex-ante relatata mal-akkwist pubbliku

## 2012/2013

- Il-**kundizzjonalità ex ante** għall-akkwist pubbliku ġiet inkluda fir-regolament 2014-2020 adottat tal-FSIE
- Id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana jistabbilixxi tim intern biex jipprovdi appoġġ dwar il-kapaċità amministrattiva lill-Istati Membri
- Id-DĠ Suq Intern u Servizzi jibda **approċċ orjentat lejn l-azzjoni** għas-sistemi tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri biex jikkumplementa l-proċeduri ta' ksur
- Il-grupp ta' ħidma intern tal-Kummissjoni **jiżviluppa pjan ta' 12-il punt** b'firxa ta' azzjonijiet
- Ikomplu **l-korrezzjonijiet u l-interruzzjonijiet finanzjarji** tal-Kummissjoni fil-qasam tal-politika ta' Koeżjoni
- Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar linji gwida għall-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni rigward in-nefqa mill-Unjoni taħt ġestjoni kondiwiża, għal nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku.

## 2014

- Ir-regolament 2014-2020 dwar l-**FSIE** jidħol fis-seħħ, b'**kundizzjonijiet ex ante** li jikkonċernaw l-akkwist pubbliku, b'data ta' skadenza tmien l-2016
- **Ġew adottati direttivi ġodda dwar l-akkwist pubbliku** li għandhom jiġu trasposti f'leġislazzjoni nazzjonali sat-18 ta' April 2016
- Id-diretturi tad-**DĠ** Politika Reġjonali u Urbana japprovaw il-pjan ta' azzjoni intern imfassal mill-grupp ta' ħidma intern
- Il-**Kummissjoni** tippubblika **gwida** dwar kif jiġu evitati iżbalji fl-akkwist pubbliku
- Id-DĠ Suq Intern, Industrijia, Intraprenditorija u SMEs jiffoka r-riżorsi fuq **għadd żgħir ta' Stati Membri biex jgħinjom itejbu l-ġestjoni tal-akkwist pubbliku**
- Ikomplu **l-korrezzjonijiet u l-interruzzjonijiet finanzjarji** tal-Kummissjoni fil-qasam tal-politika ta' Koeżjoni
- **Titnieda l-għodda tal-IT tal-estrazzjoni ta' data** ARACHNE żviluppata mill-Kummissjoni

## 53

Fl-2010, bħala tħejjija għall-proposta ta' direttivi ġodda dwar l-akkwist pubbliku, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni komprensiva tal-impatt u l-effettività tal-akkwist pubbliku tal-UE<sup>27</sup> u konsultazzjoni pubblika<sup>28</sup>. Il-Qorti ppubblikat opinjoni bħala kontribut għad-dibattitu dwar ir-reviżjoni tad-Direttivi<sup>29</sup> (ara wkoll il-paragrafu 67).

## 54

Fl-2011, fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni speċifikament, il-Kummissjoni

- (a) ħarġet il-proposta tagħha għal regolament għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) 2014-2020, li kienet tinkludi, fost l-oħrajn, kundizzjonalità ex-ante relatata mal-oqfsa tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri (ara l-paragrafu 62)<sup>30</sup>;
- (b) ikkompletat dokument ta' ħidma li analizza l-iżbalji fl-akkwist pubbliku u identifika xi azzjonijiet li jistgħu jitwettqu (ara l-paragrafu 45). Dan id-dokument ma kienx fih pjan ta' azzjoni;
- (c) użat il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-interruzzjonijiet tal-pagamenti b'mod aktar estensiv; u
- (d) organizzat seminar ta' taħriġ f'erba' Stati Membri.

## Pjan ta' azzjoni dwar l-akkwist pubbliku stabbilit mill-Kummissjoni fl-2013

## 55

Fil-bidu tal-2013, id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana stabbilixxa unità interna ddedikata, li kienet deskritta bħala "ċentru ta' kompetenza - kapaċità amministrattiva", li l-għan tagħha kien li żżid l-assorbiment ta' flus mill-Fondi Strutturali tal-UE billi ttejjeb il-kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri. Aspett wieħed fi ħdan il-mandat ta' din l-unità kien l-indirizzar tal-problemi madwar il-kapaċità biex topera proċeduri ta' akkwist pubbliku b'mod effettiv.

## 56

Madwar l-istess żmien, il-Kummissjoni stabbilixxiet grupp ta' ħidma tekniku intern dwar "It-titjib fl-akkwist pubbliku marbut mal-ġestjoni tal-fondi SIE", li ltaqa' għall-ewwel darba f'Settembru 2013<sup>31</sup>. F'Jannar 2014, matul waħda mil-laqqgħat regolari tiegħu, il-maniġment superjuri tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana approva pjan ta' azzjoni mfassal mill-grupp inkluża lista ta' 12-il azzjoni mhux leġiżlattiva li għandhom jiġu implimentati mill-Kummissjoni, bl-għan li tittejjeb il-kapaċità amministrattiva fl-Istati Membri. Il-pjan kien jinkludi azzjonijiet li diġà qed jiġu implimentati mill-Kummissjoni, flimkien ma' ideat għal azzjonijiet ġodda li l-Kummissjoni tista' tnedi. It-**Tabella 2** telenka l-azzjonijiet u turi l-istatus ta' kull waħda minnhom sa tmiem l-2014.

- 27 Li kienet tkopri prinċipalment l-ispiża u l-effettività tal-proċeduri ta' akkwist, il-kwistjonijiet tal-akkwist transkonfinali, l-aċċess tal-SMEs għas-swieq tal-akkwist pubbliku u l-użu strateġiku tal-akkwist pubbliku fl-Ewropa.
- 28 Ibbażata fuq KUMM(2011) 15 finali tas-27 ta' Jannar 2011 "Ktiba Ħadra dwar l-immodernizzar tal-politika tal-UE dwar l-akkwist pubbliku - Lejn Suq Ewropej tal-Akkwist iżjed effiċjenti".
- 29 L-Opinjoni Nru 4/2011.
- 30 COM(2011) 615 finali tas-6 ta' Ottubru 2011 "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropej għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropej, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropej għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropej koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropej għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropej, il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006". Regolament ibbażat fuq din il-proposta ġie adottat mill-Parlament u mill-Kunsill fl-2013 (ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013).
- 31 Il-grupp ta' ħidma tekniku attendew għalih uffiċjali mit-tliet direttorati ġenerali prinċipali (id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana, id-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, id-DĠ Suq Intern u Servizzi) kif ukoll il-BEI, id-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali u d-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd, ippresedut minn uffiċjal tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana, normalment mill-Kap tal-Unità responsabbli għat-tim taċ-Ċentru ta' Kompetenza. Il-grupp ta' ħidma kompli jiltaqa' u, fiż-żmien tal-kitba, kien iltaqa' għal total ta' 10 darbiet.

Tabella 2

**Pjan ta' azzjoni intern dwar l-akkwist pubbliku tal-Kummissjoni approvat mid-Diretturi tad-DG Politika Reġjonali u Urbana f'Janjar 2014**

Azzjonijiet	Deskrizzjoni	Stat tal-ħidma fi tmiem l-2014	
Terminu qasir	1	Rendikont / analiżi tal-prestazzjoni attwali tal-Istati Membri fil-bini ta' kapaċità, inkluża valutazzjoni ta' x'ħadem, eżempji tajbin	Proċedura ta' akkwist għall-espert immedija
	2	Kumpilazzjoni u analiżi ta' evidenza u indikaturi dwar il-prestazzjoni tal-akkwist pubbliku bħala input għal negozjati ta' kundizzjonalità ex-ante	Informazzjoni miġbura matul in-negozjati ta' kundizzjonalità ex ante, grilja ta' valutazzjoni mħejjija li turi l-konformità mal-kundizzjonalità ex ante mill-Istati Membri
	3	Tħejjija u tixrid ta' Gwida Prattika dwar "Kif jiġu evitati żbalji komuni" (How to avoid common errors)	Nota ta' gwida abbozzata
	4	Pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi għall-pajjiżi għall-Istati Membri b'dgħufijiet identifikati	DG GROW li jaħdem ma' erba' Stati Membri
	5	Taħriġ / Gwida dwar kif jitħejjew u jiġu segwiti pjanijiet ta' azzjoni	Għadha tingħaqad ma' azzjoni 1
Terminu medju	6	Tħejjija għal direttivi ġodda dwar l-akkwist pubbliku billi jingħata taħriġ lill-Awtoritajiet Maniġerjali, inklużi 10 sessjonijiet ta' ħidma dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni	Preżentazzjonijiet ad hoc mid-DG Suq Intern u Servizzi fl-Istati Membri
	7	Inizjattiva ta' trasparenza kontra l-korruzzjoni	Kuntratt fuq l-ewwel fażi pilota jinsab taħt il-firma
	8	Valutazzjoni tal-prattiki attwali u l-ħtieġa għal taħriġ u kwalifiki professjonali fl-akkwist pubbliku għall-manigjers tal-fondi	Tħejjija interna li għadha għaddejjja
	9	Appoġġ immirat għal Stati Membri speċifiċi biex jassisti permezz ta' taġġim ibbażat fuq l-esperjenza (Learning by doing), ġemellaġġ jew appoġġ espert ieħor	Fil-fażi pilota, qed tiġi mnedija
10	Studju dwar kif l-akkwist pubbliku jista' jintuża bħala għodda strateġika, eż. l-akkwist elettroniku	Għadha ma ġietx immedija	
Terminu twil	11	Sistemi ta' ġestjoni tal-kwalità tal-akkwist pubbliku (analiżi tal-esperjenza u valutazzjoni tal-ambitu għall-iżviluppar ta' standards madwar l-UE għall-FSIE)	Għadha ma ġietx immedija
	12	Gwida għal gwida (evalwazzjoni għalfejn xi gwidi ma jtejbux il-prestazzjoni)	Għadha ma ġietx immedija

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

### 57

Il-pjan ta' azzjoni kien l-ewwel tentattiv biex jinġiebu flimkien l-azzjonijiet mhux leġiżlattivi b'mod koerenti. Mit-12-il azzjoni fil-pjan, 8 kienu għadhom ma ġewx implimentati bis-sħiħ sa tmiem l-2014, billi dawn kienu fl-istadji ta' tnejn tagħhom jew inkella kienu għadhom iridu jinbdew fl-istadji kollha. Tlieta mill-azzjonijiet kienu ġew implimentati bis-sħiħ:

- (a) kumpilazzjoni u analiżi ta' evidenza u indikaturi dwar il-prestazzjoni tal-akkwist pubbliku bħala input għal negozjati ta' kundizzjonalità ex-ante (l-azzjoni 2);
- (b) nota ta' gwida dwar l-evitar ta' żbalji komuni fi proġetti ffinanzjati mis-SIE (l-azzjoni 3) li tipprovdi materjal komprensiv għall-prattikanti; u
- (c) taħriġ dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni għall-Awtoritajiet Maniġerjali fl-10 Stati Membri bħala parti mit-tnejn tad-direttivi l-ġodda dwar l-akkwist pubbliku (l-azzjoni 6).

### 58

L-istabbiliment tal-grupp ta' ħidma u l-pjan ta' azzjoni jissuġġerixxi koordinazzjoni mtejbja fi ħdan il-Kummissjoni. Madankollu,

- (a) il-pjan ta' azzjoni ġie approvat biss minn dipartiment wieħed tal-Kummissjoni (id-DG Politika Reġjonali u Urbana) u mhux minn direttorati ġenerali oħra involuti fil-grupp ta' ħidma. Dan ma ġiex ippubblikat mill-Kummissjoni, għalhekk it-trasparenza, is-sjieda u l-obbligu ta' rendikont għall-pjan kienu limitati;
- (b) il-grupp ta' ħidma ġie stabbilit f'livell ta' ħidma tal-persunal tekniku fi ħdan il-Kummissjoni.

### 59

Peress li l-biċċa l-kbira mill-azzjonijiet għadhom ma ġewx implimentati bis-sħiħ, l-impatt tal-pjan ta' azzjoni ma jistax jiġi vvalutat f'dan l-istadju.

### 60

Dan ta' hawn fuq jindika xi identifikazzjoni ta' kwistjonijiet mhux leġiżlattivi, u l-progress potenzjali fuqhom. Iżda jindika wkoll li l-Kummissjoni għadha ma wrietx tmexxija koordinata ta' livell għoli dwar din il-kwistjoni.

**Jekk tiġi applikata tajjeb, leġiżlazzjoni ġdida għandha l-potenzjal li tgħin fl-indirizzar tal-problema ta' żbalji fl-akkwist pubbliku**

**Ir-Regolament dwar l-FSIE 2014-2020 u kundizzjonalità ex ante**

**61**

Il-qafas legali ġdid għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020 jintroduċi kundizzjonalitajiet ex-ante. Abbażi ta' kriterji pre-definiti, dawn huma kundizzjonijiet li huma meqjusa bħala prerekwiżiti meħtieġa għall-użu effettiv u effiċjenti tal-appoġġ tal-Unjoni kopert minn dawk il-ftehimiet ta' sħubija. Sistema tal-akkwist pubbliku ta' Stat Membru


hija qasam li għalih huma inklużi kundizzjonijiet bħal dawn (ara l-**Figura 9**). L-Istati Membri kienu meħtieġa jwettqu awtovalutazzjoni dwar kif u jekk dawn jissodisfawx il-kundizzjonijiet<sup>32</sup>, u jinkludu sommarju tagħha fil-ftehimiet ta' sħubija li ppreżentaw fl-2014. Jekk il-Kummissjoni tqis li sal-31 ta' Diċembru 2016, l-Istat Membru ma jkunx issodisfa l-kundizzjonijiet stipulati, il-Kummissjoni tista' tissospendi l-pagamenti lill-Istat Membru<sup>33</sup>.

32 L-Artikolu 2(33), l-Artikolu 19 u l-Anness XI tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

33 L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

**Figura 9**

**Kriterji ta' kundizzjonalità ex ante dwar l-akkwist pubbliku**



Sors: L-Anness XI tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

## 62

Skont il-Kummissjoni, l-introduzzjoni ta' kundizzjonalità ex-ante għandha l-potenzjal li tnaqqas l-iżbalji u li ttejjeb l-akkwist pubbliku, peress li ttipprovdi inċentiv għall-Istati Membri biex jistabbilixxu qafas legali u amministrattiv robust għall-akkwist pubbliku. Madankollu, l-effettività ta' din l-għodda potenzjalment qawwija tiddependi fuq jekk l-Istati Membri jissodisfawx il-kundizzjonijiet sa tmiem l-2016 u, fejn dan ma jkunx il-każ, jekk il-Kummissjoni tidentifikax u tivvalutax in-nuqqas ta' konformità u tissospendix pagamenti kif meħtieġ.

## 63

Meta tqis jekk tissospendix il-pagamenti lill-Istati Membri, il-Kummissjoni tista' tiffaċċja tensjonijiet fl-Istati Membri bejn żewġ objettivi: minn naħa waħda, it-titjib fis-sistemi tal-akkwist pubbliku, u min-naħa l-oħra, il-promozzjoni tal-assorbiment tal-fondi tal-UE mill-Istati Membri<sup>34</sup>.

## 64

Fil-bidu tal-2015, 12<sup>35</sup> mit-28 Stat Membru kienu għadhom ma ssodisfawx il-kundizzjonijiet tal-akkwist pubbliku. Dan jinkludi tnejn mill-erba' Stati Membri miżjura għal dan l-awditu - l-Italja, u r-Repubblika Ċeka - li t-tnejn fasslu pjanijiet ta' azzjoni.

## 65

L-introduzzjoni tal-kundizzjonalità ex-ante relatata mal-akkwist pubbliku ffaċilitat it-tentattivi tad-DĠ GROW biex jaħdem mal-Istati Membri bi problemi partikolari relatati mal-akkwist pubbliku. Dan għaliex l-Istati Membri jirrealizzaw li huma jeħtieġu li jissodisfaw il-kundizzjonalità ex-ante, u kienu miftuħa li jirċievu l-appoġġ tad-DĠ GROW. Id-DĠ GROW għażel Stati Membri - erbgħa fiż-żmien tal-awditu<sup>36</sup> - billi uża approċċ immirat, ibbażat fuq ir-riskju, li huwa bbażat fuq serje ta' kriterji u b'kont meħud tar-riżorsi tal-persunal tal-Kummissjoni (ara l-**Kaxxa 10**). Il-Kummissjoni indikat li, għall-Istati Membri li ma ssodisfawx l-kundizzjonalità *ex ante*, il-prijorità sa tmiem l-2016 hija li jfittxu li jimplimentaw b'mod effettiv il-pjanijiet ta' azzjoni maqbula aktar milli jirrikorru għal azzjonijiet korrettivi u possibbilment għal proċeduri ta' ksur.

## 66

Id-DĠ GROW imbagħad jipprovdi appoġġ permezz ta' firxa ta' miżuri, pereżempju, gruppi ta' ħidma biex jiżviluppaw strateġija komprensiva tal-akkwist pubbliku. Il-koordinazzjoni ta' azzjonijiet bħal dawn meħuda mid-dipartimenti differenti tal-Kummissjoni hija importanti fid-dawl tat-tensjoni potenzjali msemmija hawn fuq (il-paragrafu 63).

34 Tensjonijiet bħal dawn ġew preċedentement enfasizzati mill-Qorti. Ara r-Rapport Annwali 2011 tal-Qorti, il-paragrafu 5.23 (ĠU C 344, 12.11.2012), "Nagħmlu l-aħjar użu minn flus l-UE: analiżi panoramika tar-riskji għall-ġestjoni finanzjarja tal-baġit tal-UE", il-paġna 54, il-paragrafu 5(a), ippubblikat fl-25 ta' Novembru 2014 (<http://eca.europa.eu>).

35 Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, il-Kroazja, l-Italja, il-Latvja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja.

36 Il-Bulgarija, il-Greċja, l-Italja u r-Rumanija.

**Kriterji tad-DĠ GROW għall-immirar tal-Istati Membri**

- rata għolja ta' żbalji fl-akkwist pubbliku fin-nefqa tal-fondi tal-UE
- nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjonalità ex-ante tal-akkwist pubbliku
- ineffiċjenzi sistemiċi tal-akkwist pubbliku
- ilmenti riċevuti mill-Kummissjoni dwar ksur allegat tal-liġi tal-UE
- proċeduri ta' ksur jew proċessi ta' qabel il-ksur
- rata ta' litigazzjoni u
- rieda tal-Istati Membri li jstabbilixxu sħubija mal-Kummissjoni

**Id-direttivi l-ġodda dwar l-akkwist pubbliku għandhom jiġu implimentati sa April 2016****67**

Il-pakkett leġiżlattiv il-ġdid għe ppubblikat fit-28 ta' Marzu 2014 u jinkludi tliet direttivi: 2014/24/UE<sup>37</sup> u 2014/25/UE<sup>38</sup>, li jħassru jew jemendaw id-direttivi preċedenti, u 2014/23/UE<sup>39</sup>, li tintroduċi regoli komprensivi għall-konċessjonijiet. Id-data ta' skadenza għall-implimentazzjoni mill-Istati Membri, minbarra fi ftit eċċezzjonijiet, hija t-18 ta' April 2016. Minkejja dan, id-direttivi huma diġà rilevanti għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet.

**68**

Id-direttivi l-ġodda dwar l-akkwist pubbliku għandhom l-għan li jiżguraw il-funzjonament effettiv tas-suq intern, iżidu l-effiċjenza tal-infiq pubbliku, jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni ta' intrapriżi żgħir u medji u jippermettu appoġġ aħjar ta' għanijiet komuni u soċjali permezz tal-akkwist pubbliku.

37 Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 2014/03/28, p. 65).

38 Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 2014/03/28, p. 243).

39 Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

## 69

Il-Kummissjoni indikat li, b'mod partikolari, ir-reqwiżiti l-ġodda ta' rappurtar u monitoraġġ mill-Istati Membri lill-Kummissjoni għandhom jgħinu biex inaqqsu l-iżbalji kkawżati mill-applikazzjoni skorretta tar-regoli tal-akkwist pubbliku<sup>40</sup>. Bil-kodifikkazzjoni ta' ġurisprudenza eżistenti, id-direttivi l-ġodda dwar l-akkwist pubbliku jipprovdu aktar ċertezza legali u jagħmlu l-akkwist pubbliku aktar aċċessibbli għall-prattikanti. Għaldaqstant, dawn għandhom

il-potenzjal li jgħinu biex jipprevienu ċerti żbalji, pereżempju, dwar l-użu ta' esperjenza u kwalifiki tal-persunal bħala kriterji tal-għoti kif ukoll id-definizzjoni ta' kunflitt ta' interess. Il-bidliet fil-qafas legali jistgħu, f'xi każijiet, iwasslu wkoll għal tipi ġodda ta' żball. Analiżi ta' bidliet magħżula dwar kuntratti għal xogħlijiet u servizzi pubbliċi u l-potenzjal tagħhom li jindirizzaw il-problema ta' żbalji fl-akkwist pubbliku fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni hija stipulata fil-**Kaxxa 11**<sup>41</sup>.

40 Il-memo għall-istampa tal-Kummissjoni Ewropea ([http://europa.eu/rapid/press-release\\_MEMO-14-20\\_fr.htm?locale=EN](http://europa.eu/rapid/press-release_MEMO-14-20_fr.htm?locale=EN)).

41 L-Opinjoni tal-Qorti Nru 4/2011.

## Kaxxa 11

### Analiżi tal-bidliet magħżula introdotti fid-direttiva l-ġdida dwar l-akkwist pubbliku għal xogħlijiet u servizzi pubbliċi

**Introduzzjoni tal-proċedura l-ġdida, is-Sħubija għall-Innovazzjoni**, minbarra l-proċedura kompetittiva eżistenti permezz tan-negożjar (ara l-**Kaxxa 1**). L-approċċ il-ġdid, b'aktar flessibilità għall-awtoritajiet kontraenti, jista' jwassal għal inqas żbalji proċedurali minn każijiet fejn il-proċeduri miftuħa u ristretti ma kinux xierqa. Madankollu, l-applikazzjoni u l-awditjar tat-trasparenza, nondiskriminazzjoni u t-trattament ugwali jista' jsir aktar diffiċli.

**Possibilità li jintużaw aspetti soċjali u ambjentali bħala kriterji tal-għoti**. Awtoritajiet fl-Istati Membri miżjura għal dan l-awditu esprimew tħassib dwar ir-riskju li l-leġiżlazzjoni l-ġdida se tintroduċi ċerti elementi ġodda ta' kumplessità, bil-possibilità li tinkludi kriterji tal-għoti u l-kundizzjonijiet tal-prestazzjoni tal-kuntratti marbuta ma' kwistjonijiet soċjali u ambjentali. Akkwist ibbażat fuq dawn l-aspetti jista' jkun ta' sfida għall-awtoritajiet kontraenti fir-rigward tal-iżgurar ta' proċess trasparenti u nondiskriminatorju. Jista' jieħu fteit taż-żmien biex tinbena l-esperjenza għas-sejba ta' kriterji tal-għoti legali u xierqa u kundizzjonijiet tal-prestazzjoni tal-kuntratti fi ħdan is-sistemi fl-Istati Membri.

**Sett ta' għodod legali ġodda mmirati lejn il-modifika tal-kuntratti**. Aktar flessibilità hija introdotta, li f'ċirkostanzi speċifiċi tippermetti modifika ta' kuntratti mingħajr l-użu ta' proċedura ġdida ta' akkwist. X'aktarx li l-okkorrenza ta' żbalji relatati mal-modifika tal-kuntratti tonqos. Madankollu, dawn il-bidliet mhux se jindirizzaw żbalji kkawżati minn tnejnija fqira tal-proġetti li tirriżulta fil-ħtieġa għal modifiki aktar tard.

**Definizzjoni preċiża ta' valur massimu ta' xogħlijiet referenzjali**. Billi jiddikjaraw li l-fatturat annwali minimu ma jistax ikun aktar mid-doppju tal-valur stmat tal-kuntratti, minbarra f'każijiet debitament ġustifikati, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jwettqu inqas żbalji fil-forma ta' speċifikazzjoni tal-kriterji illegali tal-għażla.

**Introduzzjoni ta' sistema ġdida għal ċerti servizzi, bħas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali**, fejn il-valur tal-kuntratti huwa aktar minn EUR 750 000. L-Istati Membri se jkunu ħielsa li jiddefinixxu r-regoli nazzjonali skont din is-sistema, sakemm jikkonformaw mal-prinċipji ġenerali tat-trattat tal-UE u mad-dispożizzjonijiet fid-Direttiva, b'mod partikolari rigward it-trasparenza. Skont xi jkunu r-regoli definiti mill-Istati Membri u l-kumplessità tagħhom, żbalji rigward servizzi ta' taħriġ u edukazzjoni kofinanzjati mill-FSE jistgħu jizjeddu.

## 70

Mill-Awtoritajiet tal-Awditjar li wiegħbu għall-istħarriġ 40 % biss esprimew il-fehma li d-direttivi l-ġodda jistgħu jgħinu biex jitnaqqsu l-iżbalji, b'mod partikolari fir-rigward tal-għażla ta' proċedura ta' akkwist pubbliku, il-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-offerti, id-definizzjoni ta' kriterji tal-għażla, jew il-valutazzjoni tal-offerti (ara l-analiżi ta' żbalji mill-paragrafu 22).

## 71

Id-DĠ GROW diġà pprova pariri dwar kif jiġu trasposti d-direttivi l-ġodda fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Dan seħħ l-aktar permezz tal-parteċipazzjoni fil-laqgħat, iżda wkoll permezz tal-organizzazzjoni ta' sessjonijiet tematiċi speċifiċi għall-esperti nazzjonali.

## 72

Kumplessivament, l-effetti ta' dawn il-karatteristiċi fil-pakkett leġiżlattiv il-ġdid, f'termini ta' tnaqqis fl-inċidenza ta' irregolarità, se jiddependi fuq kif dawn jiġu implimentati fl-Istati Membri.

## Obbligi ġodda ta' rappurtar

## 73

Id-direttivi l-ġodda jintroduċu rekwiżiti ġodda ta' monitoraġġ u rappurtar. Dawn l-obbligi l-ġodda jinkludu dan li ġej<sup>42</sup>:

- (a) Kull Stat Membru jrid jippreżenta lill-Kummissjoni, l-ewwel f'April 2017 u mbagħad kull tliet snin<sup>43</sup>, rapport ta' monitoraġġ li jinkludi:
  - (i) informazzjoni dwar is-sorsi l-aktar frekwenti ta' applikazzjoni ħażina jew ta' inċertezza legali; u
  - (ii) prevenzjoni, qbid u rappurtar adegwat ta' każijiet ta' frodi, korruzzjoni, kunflitt ta' interess u irregolaritajiet serji oħra fil-qasam tal-akkwist.
- (b) Il-Kummissjoni, abbażi ta' rapporti tal-Istati Membri, għandha toħroġ regolarment rapport dwar l-implimentazzjoni u l-aħjar prattiki ta' politiki nazzjonali ta' akkwist fis-suq intern.

## 74

Jekk jiġu implimentati b'mod korrett, dawn ir-rekwiżiti ġodda ta' rappurtar u monitoraġġ għall-Istati Membri jistgħu jipprovdu informazzjoni aħjar lill-Kummissjoni dwar kif ir-regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE jiġu implimentati fil-prattika.

42 L-Artikoli 83 sa 85 tad-Direttiva 2014/24/UE.

43 L-ewwel minn dawn ir-rapporti huwa dovut sa April 2017.

## L-Istati Membri jiffokaw fuq kontrolli tal-ewwel livell u kien biss reċentement li bdew jieħdu azzjonijiet preventivi

### Azzjonijiet korrettivi meħuda mill-Istati Membri u/jew mill-Kummissjoni

#### 75

Żbalji fl-akkwist pubbliku li jseħħu fil-livell tal-benefiċjarju jistgħu u għandhom jinqabdu u jiġu kkoreġuti mill-awtoritajiet tal-Istati Membri qabel ma jippreżentaw klejms għall-pagament lill-Kummissjoni. Dawn huma l-hekk imsejħa "kontrolli tal-ewwel livell", u jinvolvu:

- (a) verifikazzjonijiet imwettqa mill-Awtoritajiet Maniġerjali tal-Istati Membri fuq il-klejms għall-pagamenti tal-benefiċjarji; u
- (b) kontrolli li saru mill-Awtoritajiet taċ-Ċertifikazzjoni tal-Istati Membri. inklużi fuq l-informazzjoni rrapportata mill-Awtoritajiet Maniġerjali.

#### 76

Kif innutat qabel mill-Qorti<sup>44</sup> u l-Kummissjoni fl-awditi proprji tagħha, il-kontrolli tal-ewwel livell tal-Istati Membri għadhom mhumiex effettivi b'mod suffiċjenti. Dan jirriżulta fin-nefqa fuq proġetti milquta minn żbalji fl-akkwist pubbliku li jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri għal rimborż mill-baġit tal-UE.

#### 77

Jekk il-Kummissjoni taqbad żbalji fl-akkwist pubbliku wara li klejm għall-pagament ikun diġà ġie ppreżentat lilha, il-Kummissjoni tista' mbagħad:

- (a) timponi korrezzjonijiet finanzjarji fir-rigward tal-proġetti individwali kkonċernati, jew,
- (b) jekk il-Kummissjoni tqis li jkun impossibbli li tikkontrolla l-kuntratti kollha involuti, timponi korrezzjoni b'rata fissa fil-livell tal-PO (jew wieħed jew bosta assi prijoritarji).

#### 78

Biex tiżgura approċċ konsistenti għal korrezzjonijiet finanzjarji bħal dawn, il-Kummissjoni żviluppat linji gwida li jiddeterminaw l-ammont ta' korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom jiġu applikati f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku<sup>45</sup>. Mill-2013 'il hawn, dan ġie kkodifikat bħala deċiżjoni tal-Kummissjoni u għaldaqstant jorbot fuq is-servizzi kollha tal-Kummissjoni responsabbli għall-ġestjoni kondiviża.

#### 79

Fejn tqis li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri huma dgħajfa, u bil-ħsieb li tiżgura li l-Istati Membri jieħdu l-azzjonijiet ta' rimedju meħtieġa biex itejbuhom, il-Kummissjoni tinterrompi d-dati ta' skadenza tal-pagamenti. Matul dawn l-interruzzjonijiet, ma jsir l-ebda pagament mill-baġit tal-UE għall-PO. Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-akkwist pubbliku tista' taqa' f'dan l-ambitu (ara l-eżempji fil-**Kaxxa 12** u l-**Kaxxa 13**).

- 44 Ir-Rapport Annwali tal-Qorti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-snin finanzjarji 2012 u 2013
- 45 COCOF 07/0037/03 Guidelines for determining financial corrections to be made to expenditure co-financed by the Structural Funds or the Cohesion Fund for non-compliance with the rules on public procurement (Linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom isiru għan-nefqa kofinanzjata mill-Fondi Strutturali jew mill-Fond ta' Koeżjoni għal nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku), 29.11.2007; id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9527 final tad-19 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment u l-approvazzjoni tal-linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni rigward in-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża, għal nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku.

## Kaxxa 12

**Eżempju ta' interruzzjoni ta' pagament**

Awditu mwettaq mill-Awtorità tal-Awditjar fi **Spanja** fl-2011 sab li proċeduri ta' kkuntrattar għand il-maniġer tal-ajruporti u l-ħeliporti ma kinux konformi mar-regoli tal-akkwist pubbliku. Għalhekk, il-Kummissjoni interrompiet il-pagamenti fir-rigward ta' proġetti mmexxija minn din l-organizzazzjoni. Fl-2014, l-Awtorità tal-Awditjar fi Spanja, wara awditu tal-implimentazzjoni effettiva tal-proċeduri mtejb, iċċertifikat li l-proċeduri ta' akkwist pubbliku fl-organizzazzjoni kienu tjebu u ntużaw b'mod effettiv. Il-Kummissjoni temmet l-interruzzjoni. Korrezzjoni finanzjarja b'rata fissa ġiet applikata għan-nefqa kollha mġarrba minn dik l-organizzazzjoni meqjusa li ġiet affettwata mill-problemi matul iż-żmien.

## Kaxxa 13

**Eżempju ta' pjan ta' azzjoni**

Fir-**Repubblika Ċeka**, minħabba nuqqasijiet serji fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll, tfassal pjan ta' azzjoni meħtieġ mill-Kummissjoni u ġie implimentat titjib. Pereżempju, sistemi ġew aġġornati biex in-nefqa ġiet identifikata mill-Awtorità tal-Awditjar, jew mill-Kummissjoni, jew mill-Qorti li hija irregolari minħabba żbalji fl-akkwist pubbliku ma tiġix awtomatikament ippreżentata lill-Kummissjoni għal pagament.

**80**

Madankollu, il-korrezzjonijiet finanzjarji, sakemm mhux imposti b'deċizzjoni tal-Kummissjoni, jista' jkollhom effett dissważiv limitat matul il-perjodu sal-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 fl-2017. Dan għaliex, skont ir-Regolamenti, l-Istati Membri għandhom id-dritt li jissostitwixxu n-nefqa li għaliha ikunu ġew imposti korrezzjonijiet b'nefqa eliġibbli oħra. B'dan il-mod, il-fondi totali riċevuti mill-Istati Membri, fil-fatt, tnaqqsu biss rarament. Fil-perjodu mill-2014 sal-2020, ir-regoli nbidlu: l-Istati Membri setgħu jiffaċċjaw telf ta' finanzjament jekk in-nefqa, li ġiet iddikjarata bħala legali u regolari mill-Awtoritajiet Maniġerjali, taċ-Ċertifikazzjoni u tal-Awditjar, sussegwentement tinstab li tkun milquta minn żball<sup>46</sup>.

**Bdiet azzjoni preventiva fl-Istati Membri, iżda biss reċentement****81**

Fl-erba' Stati Membri miżjura għal dan l-awditu, l-aktar azzjonijiet preventivi bdew jiġu implimentati biss lejn tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, fil-biċċa l-kbira fl-2013 u fl-2014.

46 Ara l-Artikolu 143 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

## 82

Fi tlieta mill-Istati Membri - ir-Renju Unit, l-Italja u r-Repubblika Ċeka - gruppi ta' ħidma interdipartimentali reċentement ġew stabbiliti dwar il-ħruġ tal-akkwist pubbliku fil-politika ta' koeżjoni. Gruppi ta' ħidma bħal dawn jiġbru flimkien l-Awtoritajiet Maniġerjali, l-Awtoritajiet tal-Awditjar,

il-korpi ta' implimentazzjoni, is-servizi legali jew dipartimenti oħra kkonċernati bl-akkwist pubbliku, u huma utli għall-iskambju ta' esperjenza, li jfittxu l-konsistenza fit-trattament tal-akkwist pubbliku u jidentifikaw azzjonijiet xierqa. Il-**Kaxxa 14** turi dettalji ta' netwerk imwaqqaf fir-Renju Unit.

## Kaxxa 14

### Eżempju ta' grupp ta' ħidma interdipartimentali li jittratta l-akkwist pubbliku fi Stat Membru

FI-2013, fir-Renju Unit, l-Awtorità Maniġerjali tal-FEŻR għall-Ingilterra stabbilixxiet netwerk intern li janalizza l-irregolaritajiet fl-akkwist pubbliku li jiltaqgħu magħhom u jittratta mistoqsijiet relatati mal-akkwist pubbliku. Inklużi fin-netwerk hemm avukati tal-Awtorità Maniġerjali, uffiċjali responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programmi, korp intermedjarju u, f'kapaċità konsultattiva, l-Awtorità tal-Awditjar.

In-netwerk iwettaq:

- o analiżijiet u ħarġiet mill-ġdid tar-Rekwiżiti Nazzjonali tal-Akkwist u l-gwida relatata;
- o vidjokonferenzi regolari biex jiġu diskussi studji tal-każijiet, gwida eċċ;
- o analiżi ts- sistemi u l-awditi tal-proġetti u kontrolli oħra relatati mal-akkwist pubbliku.

### L-għodod tal-IT jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati l-problemi tal-akkwist pubbliku iżda se jkunu meħtieġa li jiġu implimentati bis-sħiħ

## 83

Il-potenzjal transformazzjonali tat-teknoloġija tal-informatika jista' jgħin biex jipprevieni u jsib żbalji fl-akkwist pubbliku. Kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri qed jiżviluppaw soluzzjonijiet tal-IT, bħal:

- (a) akkwist elettroniku,
- (b) ġbir ta' *data* u bini ta' databases għall-iffaċilitar tal-analiżi ta' żbalji, u
- (c) għodod tal-estrazzjoni ta' *data* għall-identifikazzjoni ta' mudelli ta' frodi u irregolaritajiet.

## Akkwist elettroniku

### 84

L-akkwist elettroniku f'dan il-kuntest jirreferi għall-użu tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u l-ipproċessar tat-tranżazzjonijiet minn organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku meta jinxtraw il-provvisti, is-servizzi u x-xogħlijiet pubbliċi<sup>47</sup>. L-akkwist elettroniku jinvolvi l-introduzzjoni ta' proċessi elettroniċi biex jappoġġaw il-fażijiet differenti ta' proċess tal-akkwist – il-pubblikazzjoni ta' sejñiet għall-offerti, il-forniment ta' dokumenti tal-offerti, il-preżentazzjoni tal-offerti, l-evalwazzjoni, l-għoti<sup>48</sup>, l-ordnar, il-fatturar u l-pagament<sup>49</sup>. Fl-2014, il-Kummissjoni smat li, medja ta' madwar 10 % tal-akkwist pubbliku tal-UE jsir b'mezzi elettroniċi<sup>50</sup>.

### 85

L-akkwist elettroniku għandu l-potenzjal li

- (a) itejjeb il-kompetizzjoni u l-valur għall-flus, billi jwessa' l-aċċess għall-offerti fi ħdan is-suq uniku inkluż dak għall-SMEs;

- (b) itejjeb l-effiċjenza tal-ġestjoni tal-akkwist pubbliku billi jwessa' l-aċċess għall-offerti u jawtomatizza proċeduri ewlenin, li jista' jwassal għal iffrankar tal-ispejjeż kemm għall-offerenti kif ukoll għall-awtoritajiet kontraenti; u
- (c) jgħin biex jinqabdu u jiġu pprevenuti l-irregolaritajiet, il-korruzzjoni u l-frodi<sup>51</sup>.

### 86

Il-**Kaxxa 15** turi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-akkwist elettroniku fl-Istati Membri miżjura għall-awditu.

### 87

Il-Kummissjoni, wara li appoġġat diversi proġetti pilota dwar l-akkwist elettroniku, inkludiet azzjoni biex iżżid l-użu tal-akkwist elettroniku fil-pjan ta' azzjoni tagħha 2013 (ara t-**Tabella 2**). Madankollu, fiż-żmien tal-awditu, dawn kienu għadhom ma bdewx.

- 47 KUMM(2010) 571 finali tat-18 ta' Ottubru 2010 "Green paper dwar l-espansjoni tal-użu tal-Akkwist elettroniku fl-UE".
- 48 Għall-finijiet tad-direttivi l-ġodda dwar l-akkwist pubbliku, "l-ebda element tal-proċess ta' akkwist pubbliku wara l-għoti tal-kuntratt ma għandu jkun kopert mill-obbligu li jintużaw mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni, u lanqas il-komunikazzjoni interna fi ħdan l-awtorità kontraenti".
- 49 Id-Direttivi 2014/24/UE u l-2014/25/UE jeħtieġu li l-Istati Membri jiżguraw li l-komunikazzjonijiet u l-informazzjoni kollha ta' skambju koperti minn dawn id-Direttivi jitwettqu bl-użu ta' mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni. Dan jinkludi l-pubblikazzjoni ta' avviżi, id-disponibbiltà ta' dokumenti tal-akkwist u l-preżentazzjoni elettronika. Dawn ir-rekwiżiti għandhom jidhru fis-seħħ bejn l-2016 u l-2018.
- 50 SWD (2014) 262 final tal-1 ta' Awwissu 2014 "Annual Public Procurement Implementation Review 2013" (Analiżi Annwali ta' Implimentazzjoni tal-Akkwist Pubbliku għall-2013).
- 51 Ara eż. Identifying and reducing corruption in public procurement in the EU (Nidentifikaw u nnaqqsu l-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku fl-UE), studju mħejji għall-Kummissjoni Ewropea (OLAF) minn PwC u Ecorys, l-appoġġ tal-Università ta' Utrecht, it-30 ta' Ġunju 2013 ([http://ec.europa.eu/anti\\_fraud/documents/anti-fraud-policy/research-and-studies/identifying\\_reducing\\_corruption\\_in\\_public\\_procurement\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/anti_fraud/documents/anti-fraud-policy/research-and-studies/identifying_reducing_corruption_in_public_procurement_en.pdf)).

## Eżempju ta' implimentazzjoni tal-akkwist elettroniku

- o fl-**Italja**, is-sistema tinkludi katalogu virtwali bi prodotti mdaħħla minn kumpaniji rreġistrati;
- o fir-**Repubblika Ċeka**, qed tiġi żviluppata database tal-ispiża għal kull unità bħala punt ta' referenza għall-offerenti biex isaħħu t-trasparenza u l-ipprezzar ġust; u
- o fi **Spanja**, taħt ċerti ċirkostanzi, l-offerti jistgħu jiġu ppreżentati b'mod elettroniku.

## 88

Ċipru saritlu żjara wkoll matul l-awditu biex tiġi analizzata s-sistema tal-akkwist elettroniku stabbilita (ara l-**Kaxxa 16**).

## Kaxxa 16

## Akkwist elettroniku f'Ċipru

Imniedi fl-2010, l-akkwist elettroniku f'Ċipru huwa għodda bbażata fuq l-internet li l-użu tagħha qed jikber fl-amministrazzjoni pubblika. Sa tmiem l-2014, 501 minn bejn wieħed u ieħor 700 awtorità kontraenti kienu ġew irreġistrati għall-użu tal-akkwist elettroniku. L-użu ta' wħud mill-faċilitajiet jibqa' fakultattiv għall-awtoritajiet kontraenti u l-operaturi ekonomiċi. Il-biċċa l-kbira mill-awtoritajiet kontraenti jużaw is-sistema biex jirreklamaw l-offerti. Minn dawk irreġistrati sa tmiem l-2014, 21 % huma kumpaniji barranin. Fl-2014, helpdesk bilingwi ġie stabbilit għall-utenti kollha tas-sistema. L-istrateġija tal-akkwist elettroniku tal-awtoritajiet Ċiprijotti tipprevedi l-implimentazzjoni sħiħa sat-30 ta' Ġunju 2016, b'taħriġ li jkun qed jiġi pprovdut f'Marzu 2015.

### Kien biss reċentement li l-IT bdiet tintuża għal databases dwar iżbalji fl-akkwist pubbliku

## 89

Kif deskritt hawn fuq, fehim sħiħ tax-xejriet fil-problemi tal-akkwist pubbliku jeħtieġ data komprensiva li tkun disponibbli f'forma li tippermetti l-analiżi tagħha. L-użu ta' databases eżistenti jew ġodda mill-Istati Membri biex janalizzaw l-iżbalji fl-akkwist pubbliku huwa żvilupp reċenti (ara l-paragrafu 41), u l-Kummissjoni għad trid tiżviluppa database ta' irregolaritajiet, inklużi dawk li jinħolqu fl-akkwist pubbliku.

### Għodod tal-estrazzjoni ta' data - l-eżempju tal-għodda ta' twissija ta' frodi ARACHNE

## 90

Fl-2009, il-Kummissjoni bdiet tiżviluppa għodda ta' twissija ta' frodi bbażata fuq l-IT, li hija ssejjaħ ARACHNE. Din bdiet topera fl-2013. Hija proprjetà ta' u miżmuma mill-Kummissjoni.

## 91

Ġiet imfassla biex iżżomm *data* ewlenija dwar proġetti ffinanzjati taħt il-FEŻR, il-FK u l-FSE, pereżempju dwar kumpaniji u proġetti, biex b'hekk ir-relazzjonijiet u l-konnessjonijiet bejn l-atturi ekonomiċi differenti li jipparteċipaw fi proġetti bħal dawn ikunu jistgħu jiġu analizzati. Din l-għodda bbażata fuq l-internet tipprovdi wkoll links għal databases pubbliċi esterni oħra. L-utenti tal-għodda jiġu pprovduti b'indikaturi ta' riskji potenzjali ta' frodi fir-rigward ta' impriżi speċifiċi.

92

Il-Kummissjoni qed tistieden lill-Awtoritajiet Maniġerjali u tal-Awditjar fit-28 Stat Membru kollha biex idaħħlu d-data tagħhom u jużaw l-għodda, mingħajr ħlas.

93


Fi Frar 2015, 17 mit-28 Stat Membru qed jużaw l-għodda jew inkella esprimew l-intenzjoni tagħhom li jagħmlu dan (ara wkoll il-**Figura 10**).

94

Madankollu, sistema bħal din tista' taħdem b'mod xieraq biss jekk *data* komprensiva u ta' kwalità tajba tiġi kodifikata b'għadd kbir b'mod suffiċjenti ta' awtoritajiet tal-Istati Membri. Sa tmiem l-2014, 14-il Stat Membru kienu pprovdew *data* bħal din għal mill-inqas PO wieħed. Sabiex l-għodda tkun sistema ta' twissija ta' frodi effettiva madwar l-UE, l-Istati Membri l-oħra jkollhom jipprovdu *data* wkoll.

Figura 10

**ARACHNE: status ta' implimentazzjoni fl-Istati Membri, Frar 2015**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

## 95

Il-politika tal-UE dwar l-akkwist pubbliku hija strument ewlieni fl-istabbiliment tas-suq uniku u fil-kisba ta' tkabir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, skont l-istrateġija Ewropa 2020, filwaqt li fl-istess waqt jiġi żgurat l-aktar użu effiċjenti tal-fondi pubbliċi.

## 96

Matul il-perjodu 2009-2013, żbalji relatati mal-akkwist pubbliku kkontribwixxew b'mod sinifikanti għar-rata ta' żball stmata kumplessiva tal-Qorti f'dan il-qasam ta' politika, primarjament għar-rati ta' żball għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni. Żbalji serji waslu għal nuqqas, jew assenza totali ta' kompetizzjoni ġusta u/jew għall-għoti ta' kuntratti lil dawk li ma kinux l-aħjar offerenti.

## 97

Hemm firxa ta' kawżi ta' żbalji. Il-kumplessità tal-qafas legali u amministrattivi titqies bħala problema, inkluż volum għoli ta' leġiżlazzjoni u/jew linji gwida, u d-diffikultà tal-applikazzjoni tagħhom fil-prattika. In-nuqqas ta' kapaċità amministrattiva relatata kemm mal-għarfien tar-regoli kif ukoll tal-kompetenza teknika li jikkonċernaw ix-xogħlijiet jew is-servizi speċifiċi li qed jiġu akkwistati, jikkawża żbalji. Ippjanar insuffiċjenti tal-proġetti mill-awtoritajiet kontraenti u żbalji klerikali huma wkoll problemi.

## 98

Dan ir-rapport ivvaluta jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri humiex qed jieħdu azzjonijiet xierqa u effettivi biex jindirizzaw il-problema ta' żbalji fl-akkwist pubbliku fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni. Il-Qorti sabet li l-Kummissjoni u l-Istati Membri qed jibdeu jindirizzaw il-problema, iżda għad fadal xi jsir f'termini tal-analiżi tal-problema u l-implimentazzjonijiet ta' azzjonijiet.

### **L-analiżi sistematika dwar l-iżbalji fl-akkwist pubbliku mill-Kummissjoni u l-Istati Membri hija limitata ħafna.**

## 99

Analiżi komprensiva kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll tal-Kummissjoni ġiet prekluzja minn nuqqas ta' *data* koerenti. Madankollu, hemm sinjali, fl-erba' Stati Membri miżjura għal dan l-awditu, li *d-data* dwar l-iżbalji fl-akkwist pubbliku qed tibda tinġabar, jew qed jiġi pplanat li tinġabar, b'mod sistematiku (ara l-paragrafu 41). Madankollu, l-analiżi ta' żbalji għadha limitata (ara l-paragrafi 35 sa 39). Il-Kummissjoni għadha ma żviluppatx database komprensiva u robusta ta' irregolaritajiet kollha, inklużi dawk li jinħolqu fl-akkwist pubbliku. Hija wettqet analiżi waħda biss ta' żbalji fl-akkwist pubbliku mill-FEŻR u l-FK, jiġifieri fl-2011 (ara l-paragrafu 45).

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

### Rakkomandazzjoni 1

- (a) Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa database dwar l-irregolaritajiet, li tkun kapaċi tipprovdi bażi għal analiżi sinifikattiva ta' żbalji fl-akkwist pubbliku. Hija għandha tanalizza, b'mod komprensiv, il-frekwenza, is-serjetà u l-kawżi ta' żbalji fl-akkwist pubbliku fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni, ibbażati fuq *data* xierqa, meħuda kemm mid-databases proprji tagħha kif ukoll minn dawk ipprovduti mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-analiżi tagħha bħala parti mir-rapport dwar l-akkwist pubbliku meħtieġ mid-direttivi l-ġodda.
- (b) L-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u janalizzaw id-databases proprji tagħhom dwar l-irregolaritajiet fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni, inklużi dawk li jinħolqu fl-akkwist pubbliku, u għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni biex jipprovdu *data* bħal din f'forma u fi żmien li jiffaċilitaw ix-xogħol tal-Kummissjoni.

Azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni mill-2010 'l hawn, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, bdew jimmiraw il-problema kumplessiva. Pakkett ġdid ta' leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku ġie stabbilit fl-2014, li għandu jiġi implimentat mill-Istati Membri sa April 2016 (ara l-paragrafu 67 sa 74). Dan jintroduċi wkoll rekwiżiti ġodda ta' rappurtar għall-Kummissjoni u l-Istati Membri. Kumplessivament, l-effetti fil-pakkett leġiżlattiv ġdid, f'termini ta' tnaqqis tal-incidenta tal-irregolarità, se jiddependi fuq kif dan jiġi implimentat fl-Istati Membri. Il-qafas legali ġdid għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020 jintroduċi kundizzjonalitajiet *ex ante* rigward sistemi tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri. Prekundizzjonijiet bħal dawn għandhom il-potenzjal li jgħinu biex jiġu indirizzati l-problemi (ara l-paragrafi 61 sa 65). L-Istati Membri kienu meħtieġa jwettqu awtovalutazzjoni dwar kif u jekk dawn jissodisfawx il-kundizzjonijiet, u jinkludu sommarju tagħha fil-ftehimiet ta' sħubija li ppreżentaw fl-2014. Għadd sinifikanti ta' Stati Membri ma kinux għadhom issodisfaw dawn il-kundizzjonijiet sal-bidu tal-2015 (ara l-paragrafi 61 sa 65).

**Il-Kummissjoni u l-Istati Membri bdew jimplimentaw azzjonijiet biex jindirizzaw il-problema, iżda għad fadal xi jsir**

### 100

Minkejja n-nuqqas ta' analiżi komprensiva tal-problema, il-Kummissjoni u l-Istati Membri bdew jimplimentaw azzjonijiet biex jindirizzaw dan.

### Rakkomandazzjoni 2

Jekk l-kundizzjonalità *ex ante* li tikkonċerna l-akkwist pubbliku ma tiġix issodisfata sa tmiem l-2016, il-Kummissjoni għandha tuża s-setgħat tagħha b'mod konsistenti biex tissospendi l-pagamenti lill-Istati Membri kkonċernati, sa meta huma jkunu rretifikaw in-nuqqasijiet.

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

### 101

Fl-2013, il-Kummissjoni stabbilixxiet grupp ta' ħidma tekniku intern u fasslet pjan ta' azzjoni intern. Dan jindika koordinazzjoni mtejbja fi ħdan il-Kummissjoni. Il-biċċa l-kbira mill-azzjonijiet għadhom ma ġewx implimentati bis-sħiħ. Barra minn hekk, il-pjan ta' azzjoni ġie approvat biss minn parti mis-servizzi tal-Kummissjoni u ma ġiex ippubblikat (ara l-paragrafi 56 sa 60).

### Rakkomandazzjoni 3

Il-Kummissjoni għandha taġġorna u tippubblika l-pjan ta' azzjoni intern tagħha dwar l-akkwist pubbliku. Hija għandha tirrapporta dwar il-progress kull sena. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha ttejjeb il-koordinazzjoni bejn id-dipartimenti tagħha li jittrattaw kwistjonijiet relatati mal-akkwist pubbliku.

### 102

Żbalji fl-akkwist pubbliku għadhom sors sinifikanti ta' żbalji u għad fadal xi jsir f'termini ta' analiżi tal-problema u implimentazzjoni tal-azzjonijiet. Issa, implimentazzjoni effettiva tal-azzjonijiet hija meħtieġa. Madankollu, filwaqt li l-grupp ta' ħidma tekniku intern huwa żvilupp pożittiv, ġie stabbilit f'livell baxx fi ħdan is-servizzi tal-Kummissjoni, u l-Kummissjoni ma wrietx tmexxija koordinata ta' livell għoli (ara l-paragrafi 55 sa 60).

### Rakkomandazzjoni 4

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi grupp ta' livell għoli biex tipprovdi tmexxija fl-indirizzar tal-problema ta' żbalji fl-akkwist pubbliku, biex tevita r-riskju li l-azzjonijiet ma jiġux implimentati b'mod konsistenti fis-servizzi kollha tal-Kummissjoni. Il-grupp għandu jappoġġa t-titjib fl-akkwist pubbliku, inkluż, fejn meħtieġ, għas-simplifikazzjoni f'dan il-qasam.

### 103

Żbalji fl-akkwist pubbliku li jseħħu fil-livell tal-benefiċjarju jistgħu u għandhom jinqabdu u jiġu kkoreġuti mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, qabel ma jippreżentaw klejms għal pagament lill-Kummissjoni. Kif innutat qabel mill-Qorti u l-Kummissjoni fl-awditijiet proprji tagħha, il-kontrolli tal-ewwel livell tal-Istati Membri għadhom mhumiex effettivi b'mod suffiċjenti. Dan jirriżulta f'nefqa fuq proġetti milquta minn żbalji fl-akkwist pubbliku li jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri għal rimborż mill-baġit tal-UE (ara l-paragrafu 76).

### 104

Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, il-Kummissjoni użat korrezzjonijiet finanzjarji b'mod aktar estensiv minn qabel. Madankollu, il-korrezzjonijiet finanzjarji, sakemm mhux imposti b'deċiżjoni tal-Kummissjoni,

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

jista' jkollhom effett dissważiv limitat matul il-perjodu sal-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 fl-2017. Dan għaliex, skont ir-Regolamenti, l-Istati Membri għandhom id-dritt li jissostitwixxu n-nefqa li għaliha ikunu ġew imposti korrezzjonijiet b'nefqa eliġibbli oħra. B'dan il-mod, il-fondi totali riċevuti mill-Istati Membri, fil-fatt, tnaqqsu biss rarament. Għall-perjodu ta' nfiq mill-2014 sal-2020, ir-regoli nbidlu: l-Istati Membri setgħu jiffaċċjaw korrezzjonijiet netti jekk in-nefqa, li ġiet iddikjarata bħala legali u regolari mill-Awtoritajiet Maniġerjali, taċ-Ċertifikazzjoni u tal-Awditjar, sussegwentement tinstab li tkun milquta minn żball (ara l-paragrafi 75 sa 80).

### Rakkomandazzjoni 5

Il-Kummissjoni għandha timponi korrezzjonijiet finanzjarji kull fejn issib li l-kontrolli tal-ewwel livell tal-Istati Membri mhumiex effettivi b'mod suffiċjenti u, fejn meħtieġ, twettaq proċeduri ta' ksur għal ksur tad-direttivi dwar l-akkwist pubbliku.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Qorti tal-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-16 ta' Lulju 2015.

Għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri



Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA  
President

### 105

Minbarra l-ħtieġa għal database tal-Kummissjoni biex tiffaċilita l-analiżi ta' żbalji fl-akkwist pubbliku (ara r-Rakkomandazzjoni 1), għodod tal-IT bħal dawk tal-akkwist elettroniku u l-estrazzjoni ta' *data* jistgħu jżidu l-benefiċċji tal-akkwist pubbliku u jgħinu biex jiġu indirizzati l-problemi. Fiż-żmien tal-awditu, l-implimentazzjoni ta' għodod bħal dawn varjat madwar l-Istati Membri, u għaldaqstant żammet lura l-possibbiltà li jittieħed vantaġġ sħiħ minn benefiċċji potenzjali bħal dawn (ara l-paragrafi 83 sa 94).

### Rakkomandazzjoni 6

- (a) Il-Kummissjoni għandha tisfrutta aktar l-opportunitajiet ipprovduti mill-iżviluppi fit-teknoloġija tal-informatika, inkluża l-promozzjoni tal-akkwist elettroniku u l-għodod tal-estrazzjoni ta' *data* u prattika tajba.
- (b) L-Istati Membri għandhom jisfruttaw aktar l-opportunitajiet ipprovduti mill-akkwist elettroniku u mill-għodod tal-estrazzjoni ta' *data*.

## Ir-rwoli tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fl-akkwist pubbliku u l-politika ta' koeżjoni

### Fil-Kummissjoni Ewropea:

- (a) **Id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana** jissorvelja l-implimentazzjoni tal-FEŻR u l-FK, inklużi n-negozjar u l-approvazzjoni ta' Programmi Operazzjonali (PO). Huwa jimmonitorja u jawditja l-implimentazzjoni tal-PO, inkluża l-konformità mal-akkwist pubbliku. Id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana u d-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, joħorġu wkoll gwida, xi ftit minnha żviluppata flimkien mal-Istati Membri. Pereżempju, huma joħorġu gwida dwar korrezzjonijiet finanzjarji fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku<sup>1</sup>;
- (b) **Id-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni** jissorvelja l-implimentazzjoni tal-FSE b'modi simili għad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana għall-FEŻR u l-FK (ara hawn fuq);
- (c) **Id-DĠ Suq Intern, Industrija, Intraprenditorija u SMEs** (preċedentement id-DĠ Suq Intern u Servizzi) huwa responsabbli għall-iżviluppar tal-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku u għas-sorveljanza tal-implimentazzjoni tagħha. Huwa jimmonitorja u jassisti lill-Istati Membri f'implimentazzjoni bħal din, filwaqt li jieħu miżuri ta' infurzar fejn meħtieġ.
- (d) **Id-DĠ Baġit** huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-qafas regolatorju baġitarju, u jressaq proposti u jimplimenta l-qafas regolatorju għall-istabbiliment, l-implimentazzjoni u l-kontroll tal-baġit tal-UE.

### Fl-Istati Membri:

- (a) **L-Awtoritajiet Maniġerjali** huma responsabbli għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-Programmi Operazzjonali. Dawn jistgħu jiddelegaw l-implimentazzjoni tal-programmi lill-korpi ta' implimentazzjoni. L-Awtorità Maniġerjali jew il-korpi ta' implimentazzjoni tagħha jieħdu kontrolli fuq proċeduri ta' akkwist pubbliku bħala parti mill-kontrolli ta' ġestjoni tagħhom;
- (b) **L-Awtoritajiet taċ-Ċertifikazzjoni** jwettqu kontrolli finali fuq il-klejms tal-pagamenti qabel jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni, u;
- (c) **L-Awtoritajiet tal-Awditjar** iwettqu awditi *ex post* tas-sistemi u l-kampjuni ta' proġetti individwali qabel jippreżentaw rapporti lill-Kummissjoni. L-awditi tagħhom ikopru kwistjonijiet relatati mas-sistemi ta' ġestjoni tal-akkwist pubbliku u kontrolli ta' konformità individwali fuq il-proġetti.

1 Linji gwida tal-COCOF (kumitat stabbilit għall-Koordinazzjoni tal-Fondi) (COCOF 07/0037/03 Linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom jiġu applikati għall-ispejjeż kofinanzjat mill-Fondi Strutturali jew mill-fond ta' koeżjoni tan-nuqqas ta' rispett ta-regoli rigward il-kuntratti pubbliċi, 29.11.2007). Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9527 final tad-19 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment u l-approvazzjoni ta' linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni rigward in-nefqa mill-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża, għal nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku.

## Analiżi ta' żbalji skont il-fond maqbuda mill-Qorti, 2009-2013

	Tranżazzjonijiet ittestjati	Proġetti li fi ħdanhom ġew ikkontrollati l-proċeduri ta' akkwist pubbliku	Proġetti b'mill-inqas għandhom żball wieħed fl-akkwist pubbliku	Total ta' żbalji		Serju	Sinifikanti	Żgħir
				Għadd	%			
FEŻR	657	378	170	382	60	117	185	80
Fond ta' Koeżjoni	156	145	68	125	21	26	74	25
FSE	607	171	42	80	19	25	29	26
<b>Total</b>	<b>1 420</b>	<b>694</b>	<b>280</b>	<b>587</b>	<b>100 %</b>	<b>168</b>	<b>288</b>	<b>131</b>

### Deskrizzjoni u analiżi ta' żbalji fil-fażijiet differenti tal-proċeduri ta' sottomissjoni tal-offerti

	Deskrizzjoni tal-iżball	Għadd ta' żbalji maqbuda mill-Qorti, 2009-2013			
		Serju	Sinifikanti	Żgħir	Total
<b>Sottomissjoni tal-offerti minn qabel</b>	Qsim ta' xogħlijiet jew servizzi, artifiċjalment, f'offerti iżgħar biex jiġu evitati s-sollijiet	23	3	0	26
	Għoti ta' kuntratt direttament mingħajr ġustifikazzjoni	21	2	0	23
	Użu ta' proċedura tal-offerti mhux xierqa	27	10	1	38
	<b>Fażi ta' sottomissjoni tal-offerti minn qabel: subtotal</b>	<b>71</b>	<b>15</b>	<b>1</b>	<b>87</b>
<b>Sottomissjoni tal-offerti</b>	Problemi relatati mar-rekwiżiti ta' pubblikazzjoni u trasparenza u l-ispeċifikazzjoni tal-offerta	11	64	111	186
	Speċifikazzjoni ta' applikazzjoni illegali u skorretta tal-kriterji tal-għażla u l-għoti	33	128	6	167
	Nuqqasijiet proċedurali, inkluż nuqqas ta' dokumentazzjoni xierqa	22	39	12	73
	<b>Fażi tas-sottomissjoni tal-offerti: subtotal</b>	<b>66</b>	<b>230</b>	<b>130</b>	<b>426</b>
<b>Ġestjoni tal-kuntratti</b>	Modifika jew estensjoni fl-ambitu tal-kuntratti mingħajr l-użu ta' proċedura ta' akkwist	31	42	1	74
	<b>TOTAL</b>	<b>168</b>	<b>288</b>	<b>131</b>	<b>587</b>
		<b>29 %</b>	<b>49 %</b>	<b>22 %</b>	<b>100 %</b>

## Proċeduri ta' ksur tal-Akkwist Pubbliku mibdija mill-Kummissjoni, 2009-2013

	2009	2010	2011	2012	2013	Total	Riferuti lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja <sup>1</sup>
Il-Belġju	1					1	
Il-Bulgarija	2					2	
Ir-Repubblika Ċeka							
Id-Danimarka							
Il-Ġermanja	4	1	1		1	7	1
L-Estonja							
L-Irlanda							
Il-Greċja	8	6	4			18	3
Spanja	2			1		3	
Franza							
L-Italja	1	1	5	2		9	
Ċipru	1					1	
Il-Latvja		1		1		2	
Il-Litwanja							
Il-Lussemburgu							
L-Ungerija	2	2			1	5	2
Malta	2		1			3	
In-Netherlands	1	3				4	1
L-Awstrija			1	1		2	
Il-Polonja			2	1		3	1
Il-Portugall	1	1				2	
Ir-Rumanija	2	1		1		4	
Is-Slovenja		1				1	
Is-Slovakkja	1					1	
Il-Finlandja							
L-Iżvezja	1				1	2	
Ir-Renju Unit	3	1				4	
<b>Total</b>	<b>32</b>	<b>18</b>	<b>14</b>	<b>7</b>	<b>3</b>	<b>74</b>	<b>8</b>

<sup>1</sup> Is-sentenzi fil-każijiet Ġermaniżi u Olandiżi ngħataw fl-2012. Iż-żewġ każijiet Ungeriżi u tnejn mill-każijiet Spanjoli ġew irtirati mill-Qorti tal-Ġustizzja. Wieħed mill-każijiet Griegi u l-każ Pollakk huma pendenti.

## Sommarju eżekuttiv

V

Il-Kummissjoni indirizzata il-problema tal-iżbalji dwar l-akkwist pubbliku fil-qasam tal-Politika ta' koeżjoni sa minn żmien twil iżda issa qed tindirizzaha b'mod aktar koordinat taħt il-kappa tal-pjan ta' azzjoni għall-akkwist pubbliku (ara l-osservazzjoni tal-Qorti fil-paragrafu 56).

L-iżbalji dwar l-akkwist pubbliku ġew indirizzati minn perjodi ta' programmazzjoni preċedenti. Ir-riżultati tal-awditi għenu fl-abbozzar tal-ewwel linji gwida dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji maħruġa fl-2007. Il-Kummissjoni diġà qiegħda tanalizza, b'mod komprensiv, l-iżbalji dwar l-akkwist pubbliku fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni. Din l-analiżi ssir kull sena permezz ta' valutazzjoni fil-fond tar-rapporti annwali tal-kontroll ippreżentati mill-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar u permezz tar-riżultati tal-awditi tagħha stess (fil-kuntest tal-inkjesta tal-awditjar "Bridging the assurance gap", nofs ir-riżultati tal-awditi huma marbutin mal-akkwist pubbliku). Din il-valutazzjoni hija rrapportata fir-rapporti annwali tal-attività tad-Direttorati Ġenerali kkonċernati.

## It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għal VI u VII

L-azzjonijiet sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ta' akkwist pubbliku ttieħdu mill-Kummissjoni qabel l-2010. Il-pjanijiet ta' azzjoni sabiex jiġu segwiti r-riżultati tal-akkwist pubbliku misjuba matul l-awditi tal-Kummissjoni ilhom li bdew mill-2006 f'diversi Stati Membri. Barra mill-analiżi orizzontali mwettqa fuq l-iżbalji fl-akkwisti pubbliċi u ppreżentata f'Mejju 2011 lill-Kumitat Konsultattiv dwar l-akkwist pubbliku<sup>1</sup>, il-Kummissjoni ppubblikat ukoll f'Ottubru 2011 dokument ta' ħidma tal-persunal "Analysis of errors in cohesion policy for the years 2006-2009 – actions taken by the Commission and the way forward"<sup>2</sup>.

1 Working Document prepared by DG Regional Policy on the main audit findings regarding application of public procurement rules in Member States found in projects co-financed by ERDF and the Cohesion Fund under cohesion policy' (CC/2011/08 EN).

2 Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Analysis of errors in the Cohesion Policy for the years 2006-2009 (SEC(2011) 1179 tal-5 ta' Ottubru 2011) u

L-analiżi tal-Kummissjoni dwar l-iżbalji fl-akkwist pubbliku hija riflessa wkoll fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2013 (C(2013) 9527 finali) li tistabbilixxi l-linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji għal nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku. Dawn il-linji gwida huma aġġornament tal-linji gwida li kienu fis-seħħ minn Novembru 2007<sup>3</sup>.

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, il-Kummissjoni qed tieħu approċċ proattiv fl-appoġġ tal-Istati Membri, permezz ta' ggwidar, monitoraġġ u appoġġ (pereżempju permezz ta' Assistenza Teknika) sabiex jiġu implimentati l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom għal kundizzjonalitajiet *ex ante* li ma twettqux sal-aħħar tal-2016. B'dan l-approċċ preventiv il-Kummissjoni trid tnaqqas ir-riskju ta' sospensjoni possibbli tal-pagamenti għal programmi operattivi (PO) wara l-2016, iżda mhux se toqgħod lura milli tuża din l-għodda ta' sospensjoni jekk il-miri u l-oġġettivi tal-pjan ta' azzjoni ma jintlaħqux b'mod ċar.

## VIII (a) (i)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni se teżamina l-possibbiltà li ttejjeb il-funzjonalitajiet tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregularitajiet (Irregularity Management system, IMS) sabiex takkomoda t-talbiet funzjonali tal-Qorti. Bħalissa qed tiġi esplorata l-possibbiltà ta' interoperabilità bejn l-IMS u CED/ABAC u bażijiet ta' dejta oħrajn tal-Kummissjoni.

Barra minn hekk, fir-rigward ta' iżbalji misjuba permezz tal-awditi tagħha stess, is-servizzi tal-Kummissjoni bdew jużaw l-għodda tal-awditjar tal-IT komuni għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (il-FEŻR), għall-Fond ta' Koeżjoni (il-FK) u għall-Fond Soċjali Ewropew (il-FSE) imsejjaħ "MAPAR" (Management of Audit Processes, Activities and Resources - Ġestjoni tal-Proċessi, tal-Attivitajiet u tar-Riżorsi tal-Awditjar).

3 Ref. COCOF 07/0037/03-EN 29.11.2007 applikabbli għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, għall-Fond ta' Koeżjoni u għall-Fond Soċjali Ewropew; Ref. EFFC/24/2008 ta' 1.4.2008, applikabbli għall-Fond Ewropew għas-Sajd; u "SOLID/2011/31 REV" ta' 11.1.2012, jiġifieri l-linji gwida għall-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom jiġu applikati għal irregolaritajiet fl-applikazzjoni tar-regolamenti tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku għal kuntratti kofinanzjati skont l-erba' Fondi mill-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tipprevedi aktar passi sabiex tittejjeb l-analiżi tad-dejta tal-akkwist, b'mod partikulari t-trawwim tal-ġbir ta' din id-dejta u l-iżvilupp ta' għodda ta' analiżi tad-dejta għal sejbien minn kmieni ta' anomaliji attwali u prospettivi fl-akkwist u fehim aħjar tal-kawżi tagħhom (lil hinn mill-qasam ta' koeżjoni).

### VIII (a) (ii)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u tinnota li din hija indirizzata lill-Istati Membri.

L-IMS diġà tipprovdi bażi tad-dejta għall-Istati Membri li tista' tintuża mhux biss sabiex jikkonformaw mal-obbligi ta' rapportar tal-irregolaritajiet kif definiti fir-regolamenti settorjali differenti iżda anke għat-twettiq ta' analiżijiet li għandhom jintużaw għal finijiet nazzjonali.

### VIII (b)

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Id-Diretturi Ġenerali tal-erba' Direttorati Ġenerali ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (id-Direttorati Ġenerali tal-FSIE) diġà jiltaqgħu regolarment fl-hekk imsejjaħ "Kumitat ta' sospensjoni ta' kundizzjonalità *ex-ante*" li miegħu huwa assoċjat id-DĠ għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs (id-DĠ GROW)<sup>4</sup>. Se jkompli jiġi applikat approċċ, kemm preventiv (bl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għan-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonalità *ex ante*) kif ukoll korrettiv (b'sospensjoni tal-pagamenti), b'mod strett u konsistenti.

<sup>4</sup> Il-Kumitat jikkoordina u jħejji rakkomandazzjonijiet għal deċiżjonijiet ta' sospensjoni, inkluża t-tnejn ta' abbozzi ta' deċiżjonijiet ta' sospensjoni, li jimplimentaw l-Artikoli 19.5 u 142.1(e) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1303/2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-FEŻR, il-FSE, il-Fond ta' Koeżjoni, il-FAEŻR u l-FEMS u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-FEŻR, il-FSE, il-FK u l-FEMS u l-Artikolu 41 tar-Regolament 1306/2013 (il-PAK "Regolament Orizzontali") u jipprovdi lid-Diretturi Ġenerali fl-erba' Direttorati Ġenerali tal-FSIE b'pariri dwar kwistjonijiet relatati ma' din il-kwistjoni.

### VIII (c)

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u diġà qed timplimentaha b'koordinazzjoni mtejbja bejn id-dipartimenti tagħha fil-livell tad-Diretturi mis-sajf tal-2014.

Il-Kummissjoni beħsiebha jkollha l-pjan ta' azzjoni għall-akkwist pubbliku approvat b'mod aktar wiesa' fi f'dan is-servizz tal-Kummissjoni. Ipprevediet ukoll li jiġi approvat f'livell ogħla.

### VIII (d)

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni li hija parzjalment implimentata u tappoġġja l-inizjattivi li jwasslu għal titjib fl-akkwist pubbliku.

Huwa previst li jkun hemm kuntatti regolari bejn il-Kummissarji rilevanti responsabbli mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) u s-suq intern f'format li għandu jiġi deċiż. Dan il-grupp jista' jstieden partijiet ikkonċernati esterni b'esperjenza, meta dan jitqies utli. Il-Kummissjoni tappoġġja wkoll l-idea ta' tmexxija f'livell għoli u tinnota li d-Diretturi tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana (id-DĠ REGIO) u d-DĠ GROW ilhom jiltaqgħu b'mod regolari minn Lulju 2014. Il-partijiet ikkonċernati esterni b'esperjenza diġà ġew mistiedna f'dan il-livell.

### VIII (e)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u tqis li diġà qiegħda tiegħu l-azzjoni rakkomandata. Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għal VIII b) hawn fuq.

Il-Kummissjoni se tkompli timponi korrezzjonijiet finanzjarji kull meta ssib li l-kontrolli fl-ewwel livell tal-Istati Membri mhumiex effettivi biżżejjed. Meta jinkixfu nuqqasijiet serji, jiġu implimentati miżuri preventivi u korrettivi, bħal pjanijiet ta' azzjoni, interruzzjonijiet u korrezzjonijiet finanzjarji sabiex tiġi żgurata l-legalità u r-regolarità tan-nefqa tal-passat u tal-futur iddikjarata lill-Kummissjoni. Il-pagamenti ma jergħux jinbdew sakemm is-sistemi ma jittejjeb u titwettaq superviżjoni mill-qrib wara l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' rimedju sabiex jiġu żgurati li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-programmi ma jergħux jiddeterjoraw.

Għal ksur legali persistenti tad-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku, il-Kummissjoni se tkompli ssegwi l-proċeduri ta' ksur fejn meħtieġ.

## VIII (f)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Billi l-akkwist elettroniku, b'mod partikolari, itejjeb it-trasparenza, jiffaċilita l-offerti u l-aċċess trans-fruntiera għall-SMEs u jissimplifika l-proċeduri amministrattivi, id-Direttivi tal-2014 jistabbilixxu għadd ta' obbligi għall-akkwist elettroniku. It-traspożizzjoni korretta u rapida ta' dawn id-dispożizzjonijiet hija prijorità għall-Kummissjoni.

Fir-rigward tal-għodod għall-estrazzjoni ta' dejta, il-Kummissjoni qed tieħu l-azzjoni rakkomandata. Qed tipromwovi b'mod attiv li l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli jużaw Arachne, għodda preventiva bil-punteġġi tar-riskji li żviluppat hi stess. Din l-għodda tista' ġġib titjib sinifikanti fil-prevenzjoni u s-sejba ta' diversi riskji relatati, pereżempju mal-proċeduri ta' akkwist, kunflitti ta' interess, il-konċentrazzjoni ta' għotjiet taħt operaturi partikolari. Tista' tgħin ukoll sabiex tidentifika l-indikaturi ta' frodi potenzjali. Il-Kummissjoni hija konxja ta' għodod oħrajn komparabbli għall-estrazzjoni ta' dejta, u hija favur l-użu tagħhom.

## VIII (g)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u tinnota li din hija indirizzata lill-Istati Membri.

## Introduzzjoni

### 10

Il-Kummissjoni tenfasizza li, f'ġestjoni kondiviża, l-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju relatat mal-akkwist pubbliku — taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri. Huma responsabbli wkoll mill-mod kif id-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku jiġu trasposti fl-ordni ġuridiku nazzjonali.

## Osservazzjonijiet

### 24

Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha fir-rapport speċjali msemmi mill-Qorti.

### 25

Fi kwalunkwe sistema ta' akkwist pubbliku jeħtieġ ċertu livell ta' kumplessità sabiex titnaqqas l-attitudni arbitrara mill-awtoritajiet kontraenti u jiġu rrispettati l-prinċipji tat-trattament ugwali, tan-nondiskriminazzjoni u tat-trasparenza.

Il-Kummissjoni tinnota wkoll każijiet fejn il-liġi nazzjonali tmur lil hinn mill-obbligi stipulati fid-Direttivi.

## Tweġiba Komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 26 u 27

Il-Kummissjoni żviluppat sensiela ta' azzjonijiet sabiex tindirizza n-nuqqas ta' kapaċità amministrattiva. Żewġ eżempji ta' azzjonijiet tal-pjan ta' azzjoni għall-akkwist pubbliku (imsemmi fil-paragrafu 56 tar-rapport) jindirizzaw din il-problema b'mod konkret. Fl-2015, il-Kummissjoni ffinalizzat gwida dwar l-evitar tal-aktar żbalji komuni fl-akkwist pubbliku li tenfasizza l-ħtieġa għal ipplanar tajjeb. Hija wettqet ukoll studju ta' analiżi tas-sitwazzjoni fl-2015 dwar il-kapaċità amministrattiva, is-sistemi u l-prattiki madwar l-UE sabiex tiġi żgurata l-konformità u l-kwalità tal-akkwist pubbliku li jinvolvi l-Fondi SIE. Dan l-istudju jipprovdi rakkomandazzjonijiet speċifiċi sabiex tittejjeb il-kapaċità amministrattiva f'kull Stat Membru.

### 29 (a)

Il-Kummissjoni tinnota li hemm grupp ta' ħidma fuq livell nazzjonali fir-Repubblika Ċeka li jinkludi l-Uffiċċju tal-Akkwist Pubbliku, il-Ministeru tal-Iżvilupp Reġjonali (fil-kapaċità tagħhom ta' koordinazzjoni) u korpi rilevanti oħrajn bl-għan li jarmonizza l-interpretazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku.

## 32

L-irregolaritajiet irrappurtati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni permezz tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (I-IMS) ma jintużawx esklussivament għat-tnejn tar-rapport annwali dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u l-ġlieda kontra l-frodi, iżda huma analizzati wkoll għall-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006 u fil-qafas tal-laqgħat annwali ta' koordinazzjoni mal-awtoritajiet tal-awditjar.

Id-dejta rappurtata hija wkoll użata għal skopijiet ta' analiżi tar-riskju, u b'mod partikolari: mill-awdituri tal-Kummissjoni sabiex iħejju l-missjonijiet u mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (I-OLAF). Dawn huma wkoll ipprovduti lill-awdituri tal-Qorti fuq talba.

## 33

L-OLAF jirċievi l-irregolaritajiet irrappurtati mill-Istati Membri f'isem il-Kummissjoni permezz tal-IMS. Il-Kummissjoni tenfasizza li l-klassifikazzjoni ta' irregolarità rappurtata mhijiex avveniment statiku u definittiv. Il-mument li fih l-Istati Membri jikklassifikaw il-każijiet ivarja minħabba l-leġiżlazzjoni u l-prattiki nazzjonali u minħabba l-politika nazzjonali. F'ċerti każijiet, inħass ċertu nuqqas ta' rieda li każ jiġi kklassifikat wisq minn qabel bħala "frodi", minħabba l-konsegwenzi ta' responsabbiltà possibbli previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Għaldaqstant jista' jkun li ċerta irregolarità li inizjalment ma tkunx klassifikata bħala "suspett ta' frodi", tibdel l-istatus tagħha bis-saħħa ta' aġġornament ulterjuri dwar il-każ u ta' żviluppi tal-proċedimenti rilevanti. Bl-istess mod, każ li inizjalment kien klassifikat bħala "suspett ta' frodi" jista' jiġi aġġornat għal sempliċi "irregolarità", wara, pereżempju, deċiżjoni tal-Qorti jew tal-korpi u l-awtoritajiet investigattivi.

## 35

Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni fir-rigward tal-paragrafi 26 u 27.

## 38 (b)

Il-kwistjonijiet ta' akkwist pubbliku huma tabilħaqq importanti fuq l-aġenda fl-Italja, għaliex huwa s-sors predominanti ta' korrezzjonijiet finanzjarji għall-FEŻR.

Il-punt tat-tluq meħtieġ sabiex jiġu indirizzati d-dgħufijiet relatati huwa l-inventarju u l-analiżi tal-iżbalji relatati mal-akkwist pubbliku.

## 39

Abbażi tal-analiżi tagħha tal-2011<sup>5</sup>, il-Kummissjoni ħadet azzjonijiet speċifiċi fl-impenn tagħha sabiex ittaffi dawn ir-riskji u sabiex tgħin lill-Istati Membri; b'mod partikolari, ġew ipprovduti gwida u taħriġ addizzjonali lill-awtoritajiet maniġerjali dwar ir-riskji identifikati, u tkomplew il-miżuri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni f'waqtha tal-korrezzjonijiet finanzjarji, il-proċeduri ta' interruzzjoni u sospensjoni, u l-awdituri mmirati lejn l-oqsma l-aktar riskjużi. Dawn l-azzjonijiet inġabru flimkien taħt pjan ta' azzjoni għall-akkwist pubbliku stabbilit fl-2013 bejn id-Direttorati Ġenerali kollha tal-FSIE, id-DĠ GROW u l-Bank Ewropew tal-Investment (il-BEI) sabiex titjeb l-implimentazzjoni tar-regoli tal-akkwist pubbliku.

## 44 (a)

L-iskop għall-informazzjoni pprovduta fir-rapporti annwali ta' kontroll hija biex tintuża għall-proċess ta' aċċertament għal kull PO, mhux biex titwettag analiżi tal-iżbalji relatati mal-akkwist pubbliku.

Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 39.

## 44 (c)

Il-kwistjonijiet dwar l-akkwist pubbliku huma diskussi fil-qafas tal-laqgħat bilaterali mal-awtoritajiet tal-awditjar, meta dawn ikunu sinifikanti għall-Istat Membru/programmi kkonċernati.

<sup>5</sup> Id-Dokument ta' Hidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Analysis of errors in the Cohesion Policy for the years 2006-2009" (SEC(2011) 1179 tal-5 ta' Ottubru 2011) u l-"Working Document prepared by DG Regional Policy on the main audit findings regarding application of public procurement rules in Member States found in projects co-financed by ERDF and the Cohesion Fund under cohesion policy" (CC/2011/08 EN).

## 46

Is-servizzi tal-Kummissjoni żviluppaw għodda tal-IT msejħa "MAPAR" (Management of Audit Processes, Activities and Resources) li issa qed tintuża. Waħda mill-funzjonalitajiet ta' dan l-istrument komuni għall-FEŻR, il-FK u l-FSE hija li r-riżultati jiddaħħlu u jiġu kklassifikati skont it-tipoloġija tal-iżball u fi ħdan kategorija waħda (pereż: l-akkwist pubbliku) skont is-sottokategorija li tirriżulta (nuqqas ta' effett ta' inċentivi, skema mhux innotifikata, eċċ.).

Iż-żewġ Direttorati Ġenerali REGIO u EMPL se jużaw il-MAPAR sabiex jagħmlu monitoraġġ tar-riżultati kollha tal-awditjar b'mod orizzontali u jaġġornaw b'mod regolari tabella ta' punteġġi ta' riskju għall-ġestjoni soda mtejbja tal-Fondi. Dan japplika wkoll għal kull kwistjoni ta' awditjar tal-akkwist pubbliku identifikata mill-Kummissjoni.

Barra minn hekk, il-bażi tad-dejta IMS hija stabbilita bħala għodda għall-Istati Membri sabiex jirrapportaw l-irregolaritajiet identifikati, inklużi dawk relatati mal-akkwist pubbliku. Din il-bażi tad-dejta hija aċċessibbli għas-servizzi kollha rilevanti tal-Kummissjoni.

## 47

FI-2012, fil-kuntest ta' awditu tematiku dwar verifiki ta' ġestjoni, EMPL identifika każijiet speċifiċi ta' ksur tar-regoli tal-akkwist pubbliku li ma kinux identifikati mill-kontrolli nazzjonali. Ir-rapport u l-konklużjoni tiegħu ġew diskussi mal-awtoritajiet nazzjonali f'diversi okkażjonijiet.

Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 46.

## 48

L-IMS tfasslet għar-rapportar ta' irregolaritajiet (kemm frodulenti kif ukoll mhux frodulenti, inklużi irregolaritajiet relatati mal-akkwist pubbliku) mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.

Fir-rigward ta' irregolaritajiet fl-akkwist pubbliku, apparti l-kampi strutturati, hemm aktar informazzjoni disponibbli permezz tal-attributi ta' test liberu fis-sistema IMS. Madankollu, l-isfruttament tad-dejta jiddependi fuq il-kwalità tal-informazzjoni u fuq il-livell tad-dettall sottomessi mill-awtoritajiet nazzjonali.

Is-sistema ma kenitx maħsuba biex tipprovdi, permezz ta' attributi kompletament strutturati, l-informazzjoni msemmija mill-Qorti.

Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni fir-rigward tal-paragrafi 32 u 46.

## 49

Il-Kummissjoni ilha ħafna li indirizzat din il-kwistjoni, iżda issa qiegħda tindirizzaha b'mod aktar koordinat taħt il-kappa tal-pjan ta' azzjoni għall-akkwist pubbliku.

Il-Kummissjoni tfakkar id-dokumenti msemmija fil-paragrafu 39 (gwiċa dwar l-evitar ta' żbalji u studju ta' analiżi tas-sitwazzjoni dwar il-kapaċità amministrattiva).

## 51

L-analiżi tal-Kummissjoni dwar l-iżbalji fl-akkwist pubbliku hija riflessa wkoll fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2013 (C(2013) 9527 finali) dwar l-istabbiliment u l-approvazzjoni tal-linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni rigward in-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża, għal nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku. Dawn il-linji gwida huma aġġornament tal-linji gwida li kienu fis-seħħ mill-2007.

## 57

Sal-aħħar ta' Ġunju 2015, l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għall-akkwist pubbliku kienet imxiet aktar il quddiem. Mit-12-il azzjoni, tlestew tlieta (kif iddikjarat mill-Qorti fil-punti a) sa c) ta' hawn taħt), seba' azzjonijiet qed jiġu implimentati u żewġ azzjonijiet kienu pplanati fit-tul u għadhom ma nbdewx.

Dawk li għadhom ma nbdewx huma l-azzjonijiet fit-tul numru 11 (Sistemi ta' mmaniġġjar tal-kwalità għall-akkwist pubbliku) u 12 (Gwiċa għall-Igwidar) fit-**Tabella 2**.

## 58 (a)

Il-Kummissjoni beħsiebha tapprova l-pjan ta' azzjoni għall-akkwist pubbliku fuq livell usa' u possibbilment ogħla minn qabel fir-rigward tal-partijiet ikkonċernati.

## 58 (b)

Il-grupp ta' ħidma twaqqaf bħala sottogrupp tal-grupp interservizzi dwar it-tisħiħ tal-kapaċità tal-Fondi fl-Istati Membri l-aktar dgħajfin li ġie stabbilit fil-livell tad-Diretturi Ġenerali. Dan il-grupp interservizzi jirrapporta lis-Segretarjat Ġenerali.

Il-Kummissjoni tqis li kwistjoni teknika teħtieġ segwitu tekniku taħt is-superviżjoni tal-maniġment, li huwa involut b'mod attiv fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Akkwist Pubbliku fejn xieraq.

Id-Diretturi tad-DĠ REGIO u tad-DĠ GROW ilhom jiltaqgħu b'mod regolari minn Lulju 2014 u ddis-kutew il-possibbiltà ta' laqgħat regolari f'livell għoli ħafna (id-Diretturi Ġenerali u l-Kummissarji).

## 60

F'dawn l-aħħar snin, kull Kummissarju rrefera għal kwistjonijiet ta' akkwist pubbliku u talab li l-Istati Membri jtejbju s-sistemi tagħhom. Dan ġie rifless f'dawn l-aħħar sitt snin mill-Kummissarji responsabbli mill-Politika reġjonali waqt is-seduti ta' smiġh tagħhom għall-Kwittanza. Barra minn hekk, fir-rapporti ta' attività annwali rispettivi tagħhom, kull direttorat ġenerali rrapporta l-azzjonijiet li ttieħdu sabiex jiġu indirizzati l-problemi marbutin mal-akkwist pubbliku u bl-istess mod stiednu lill-Istati Membri sabiex itejbu s-sistema tagħhom.

Il-Kummissjoni tqis li l-attivitajiet kollha ta' akkwist pubbliku jinbdew u huma sorveljati mill-qrib mill-maniġment superjuri tas-servizzi tal-Kummissjoni kkonċernati (id-Direttorati Ġenerali tal-FSIE u d-DĠ GROW).

## 61

Fil-kuntest tal-kundizzjonalitajiet *ex ante* u l-Ftehimiet ta' Sħubija adottati fl-2014, ġew adottati 12-il pjan ta' azzjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020<sup>6</sup> li għandhom jiġu vvalutati sal-2016.

Il-Kummissjoni qed tieħu approċċ proattiv fl-appoġġ tal-Istati Membri, permezz ta' ggwidar, monitoraġġ u appoġġ (pereż. permezz ta' Assistenza Teknika) sabiex jiġu implimentati l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom għal kundizzjonalitajiet *ex ante* li ma twettqux sal-aħħar tal-2016. B'dan l-approċċ preventiv il-Kummissjoni trid tnaqqas ir-riskju ta' sospensjoni possibbli tal-pagamenti għall-programmi operattivi wara l-2016, iżda mhux se toqgħod lura milli tuża din l-għodda ta' sospensjoni jekk il-miri u l-oġġettivi tal-pjan ta' azzjoni ma jintlaħqux b'mod ċar.

## 63

Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba għall-paragrafi 60 u 61, u tenfasizza li l-implimentazzjoni soda tal-qafas leġiżlattiv u tal-iprogrammar applikabbli komuni u/jew speċifiku għandu prijorità fuq l-assorbiment.

## 71

Id-DĠ GROW wieġeb ukoll għall-mistoqsijiet speċifiċi li saru mill-awtoritajiet nazzjonali u ħoloq WIKI, għodda tal-IT, fejn il-mistoqsijiet u t-tweġibiet jittellgħu u jkunu disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali kollha.

## 74

Il-Kummissjoni qed tippjana li ttipprovdi gwida għall-abbozzar tar-rapport ta' monitoraġġ għall-Istati Membri skont il-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-Kummissjoni.

## 76

Nuqqas ta' effettività tal-verifiki ta' ġestjoni fuq il-kontrolli tal-ewwel livell huwa kawża ta' tħassib serju għall-Kummissjoni (ara DĠ REGIO fir-RAA 2014, paġna 50).

6 għal BG, CZ, EL, IT, MT, LV, PL, HU, HR, SI, SK u RO

Dokument imsejjaħ “Guidance on Management Verifications” ġie diskuss mal-Istati Membri fl-2014 u fl-2015, u se jiġi ppubblikat f’Lulju 2015. Dan jinkludi taqsima ddedikata għall-verifiki tal-akkwist pubbliku. Dan mhuwiex parti mill-pjan ta’ azzjoni għall-akkwist pubbliku billi jkopri l-verifiki tal-ġestjoni ta’ kull tip.

## 80

Skont id-dispożizzjonijiet legali għall-perjodu ta’ programmazzjoni 2007-2013, ir-Regolament jippermetti s-sostituzzjoni ta’ nfiq irregolari b’nefqa eliġibbli jekk din in-nefqa ġdida tkun soġġetta għal kontrolli mill-awtoritajiet ta’ ġestjoni u awditjar. Madankollu, dawn il-korrezzjonijiet finanzjarji jistgħu jirriżultaw f’telf ta’ fondi għall-Istat Membru fil-waqt tal-għeluq meta s-sostituzzjoni tan-nefqa ma tkunx iktar possibbli fin-nuqqas ta’ pretensjoni sussegwenti ta’ pagament.

Għall-perjodu 2014-2020 u skont l-Artikolu 145 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, il-korrezzjoni finanzjarja se timplika tnaqqis nett ta’ assistenza anke meta jkun hemm nuqqas serju fil-funzjonament effettiv tas-sistemi mhux identifikati u rrapportati mill-awtorità tal-awditjar qabel id-data ta’ identifikazzjoni mill-Kummissjoni jew mill-Qorti tal-Awdituri.

## 87

Bħala segwitu għall-Komunikazzjoni tagħha dwar l-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf għall-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika (COM(2013)453), il-Kummissjoni bdiet għadd ta’ azzjonijiet sabiex tappoġġja l-użu tal-akkwist elettroniku:

- Fuq livell politiku, il-miri għall-adozzjoni tal-akkwist elettroniku jissemew fil-pakkett politiku komprensiv bl-għan li jitlesta s-Suq Uniku Diġitali (COM(2015)192);
- Il-Kummissjoni bdiet il-ħidma tal-Forum Multipartijiet ikkonċernati dwar l-akkwist elettroniku (EXEP) li jaħdem fuq l-iskambju, it-tixrid u l-kjarifiki tal-aħjar prattiki fl-oqsma tal-governanza, tar-regolamentazzjoni u tal-interoperabbiltà;

- Il-Kummissjoni tappoġġja l-proġett pilota eTendering ta’ eSens li jippermetti l-interoperabbiltà transfruntiera. Operatur ekonomiku se jkun jista’ juża softwer wieħed sabiex jikkomunika ma’ diversi soluzzjonijiet tal-eTendering madwar l-Ewropa kollha. Barra minn hekk, il-Kummissjoni bdiet tuża l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (Connecting Europe Facility, CEF) li tkopri aspetti oħrajn ta’ diġitalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku, inkluż il-fatturar elettroniku u s-simplifikazzjoni.
- Il-fondi tal-UE qed jiġu implimentati permezz tal-FEŻR/FK jew tal-FSE sabiex l-Istati Membri jingħataw għajna fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet amministrattivi u tal-infrastruttura (inkluża pjataforma għall-iżvilupp tal-akkwist elettroniku) li jinħtieġu għal ċaqliqa kompluta għall-akkwist elettroniku.

## 89

Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 26, 27 u 46.

## 91

ARACHNE tfasslet sabiex tgħin lill-Istati Membri fil-verifiki ta’ ġestjoni u bħala għodda ta’ twissija ta’ frodi. Tinkludi għadd ta’ indikaturi tar-riskju marbuta mal-akkwist pubbliku, bħal: iż-żmien bejn il-pubblikazzjoni tal-avviż tas-sejħa għal offeriti u l-firma tad-data tal-kuntratt; l-għadd ta’ offeriti skwalifikati/l-għadd ta’ offeriti riċevuti; l-għadd ta’ offerenti validi; l-ammont ta’ kuntratti akkwistati permezz ta’ proċedura negozjata, ristretta jew permezz ta’ għotja diretta/il-kost totali tal-proġett; l-għadd ta’ addenda tal-kuntratt meta mqabbel mal-medja għal kull settur; il-korrezzjoni finanzjarja għal proċedura ta’ akkwist applikata fil-passat b’rabta mal-benefiċjarju.

It-tieni nett, ARACHNE tidentifika l-involviment tal-benefiċjarji, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi fi proġetti u programmi differenti iżda tidentifika wkoll ir-rabtiet bejn l-entitajiet involuti fl-implimentazzjoni ta’ proġett.

**94**

Ta' min jinnota li r-Regolament 2007-2013 ma kien fih ebda obbligu għall-Istati Membri sabiex jimplimentaw, pereżempju, strateġiji kontra l-frodi. Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, l-utenti qablu prinċipalment li jużaw l-ARACHNE sabiex jittestjaw is-sistema. Għaldaqstant, bosta Stati Membri ddeċidew li jibagħtu dejta għal parti biss tal-Programmi Operattivi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Sa nofs l-2015, erba' Stati Membri oħra bagħtu d-dejta għal mill-inqas PO wieħed.

Il-Kummissjoni tantiċipa aktar tkabbir fl-għadd ta' utenti għall-perjodu 2014-2020. Għal dan il-perjodu, ARACHNE tista' tkun element effettiv sabiex jittaffa r-riskju ta' frodi.

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

**97**

Ara t-tweġiba komuni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-paragrafi 26 u 27.

**98**

Mill-perjodi ta' programmazzjoni preċedenti, l-iżbalji dwar l-akkwist pubbliku ġew indirizzati mill-Kummissjoni. Ir-riżultati tal-awditi għenu fl-abbozzar tal-ewwel linji gwida dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji maħruġa fl-2007.

Il-Kummissjoni issa qed tindirizza din il-kwistjoni b'mod aktar ikkoordinat u eżawrjenti taħt il-kappa tal-Pjan ta' Azzjoni għall-akkwist pubbliku.

**99**

Il-Kummissjoni ħadet il-miżuri xierqa u l-pjanijiet ta' azzjoni korrettivi fi Stati Membri individwali meta nstabu problemi mill-awditi. L-analiżi tagħha kkontribwiet sabiex fl-2013 jiġu aġġornati l-linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom jitwettqu għan-nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku.

Fir-rigward tal-iżvilupp ta' bażi ta' dejta b'saħħtu u komprensiv tal-irregolaritajiet kollha, il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba li ngħatat taħt il-paragrafi 32, 46 u 48 kif ukoll, rigward id-dokumenti mħejjija, għat-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 26 u 27.

### Rakkomandazzjoni 1 (a)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni se teżamina l-possibbiltà li ttejjeb il-funzjonalitajiet tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS) sabiex takkomoda t-talbiet funzjonali tal-Qorti. Bħalissa qed tiġi esplorata l-possibbiltà ta' interoperabilità bejn l-IMS u CED/ABAC u bażijiet ta' dejta oħrajn tal-Kummissjoni.

Barra minn hekk, fir-rigward ta' iżbalji misjuba permezz tal-awditi tagħha stess, is-servizzi tal-Kummissjoni bdew jużaw l-għodda tal-awditjar tal-IT komuni għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (il-FEŻR), għall-Fond ta' Koeżjoni (il-FK) u għall-Fond Soċjali Ewropew (il-FSE) imsejjaħ "MAPAR" (Management of Audit Processes, Activities and Resources).

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tippredvi aktar passi sabiex tittejjeb l-analiżi tad-dejta tal-akkwist, b'mod partikulari t-trawwim tal-ġbir ta' din id-dejta u l-iżvilupp ta' għodda ta' analiżi tad-dejta għal sejbien minn kmieni ta' anomaliji attwali u prospettivi fl-akkwist u fehim aħjar tal-kawżi tagħhom (lil hinn mill-qasam ta' koeżjoni).

### Rakkomandazzjoni 1 (b)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u tinnota li din hija indirizzata lill-Istati Membri.

L-IMS diġà tippredvi bażi ta' dejta għall-Istati Membri li tista' tintuża mhux biss sabiex jikkonformaw mal-obbligi ta' rapportar tal-irregolaritajiet kif definiti fir-regolamenti settorjali differenti iżda anke għat-tweġiq ta' analiżijiet li għandhom jintużaw għal finijiet nazzjonali.

## 100

L-azzjonijiet sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ta' akkwist pubbliku ttieħdu mill-Kummissjoni qabel l-2010. Il-Pjanijiet ta' Azzjoni sabiex jiġu segwiti r-risultati tal-akkwist pubbliku ilhom li bdew mill-2006 f'diversi Stati Membri. Barra mill-analiżi orizzontali mwettqa fuq l-iżbalji dwar l-akkwisti pubbliċi u ppreżentata f'Mejju 2011 lill-Kumitat Konsultattiv dwar l-akkwist pubbliku, f'Ottubru 2011 il-Kummissjoni ppubblikat ukoll dokument ta' ħidma tal-persunal "Analysis of errors in cohesion policy for the years 2006-2009 – actions taken by the Commission and the way forward".

L-analiżi tal-Kummissjoni dwar l-iżbalji dwar l-akkwist pubbliku hija riflessa wkoll fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2013 (C(2013) 9527 finali) li tistabbilixxi l-linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji għal nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku Dawn il-linji gwida huma aġġornament tal-linji gwida li kienu fis-seħħ minn Novembru 2007.

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, il-Kummissjoni qed tieħu approċċ proattiv fl-appoġġ tal-Istati Membri, permezz ta' ggwidar, monitoraġġ u appoġġ (pereż. permezz ta' Assistenza Teknika) sabiex jiġu implimentati l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom għal kundizzjonalitajiet *ex ante* li ma twettqux sal-aħħar tal-2016. B'dan l-approċċ preventiv il-Kummissjoni trid tnaqqas ir-riskju ta' sospensjoni possibbli tal-pagamenti għall-programmi operattivi wara l-2016, iżda mhux se toqgħod lura milli tuża din l-għodda ta' sospensjoni jekk il-miri u l-oġettivi tal-pjan ta' azzjoni ma jintlaħqux b'mod ċar.

## Rakkomandazzjoni 2

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Id-Diretturi Ġenerali tal-erba' Direttorati Ġenerali ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej diġà jiltaqgħu regolarment fil-kumitat ta' sospensjoni ta' kundizzjonalità *ex ante* li miegħu huwa assoċjat id-DĠ GROW<sup>7</sup>. Se jkompli jiġi applikat approċċ, kemm preventiv (bl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għan-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonalità *ex ante*) kif ukoll korrettiv (b'sospensjoni tal-pagamenti), b'mod strett u konsistenti.

## 101

L-azzjonijiet tal-pjan ta' azzjoni għall-akkwist pubbliku fil-biċċa l-kbira tagħhom ġew diskussi, emendati u maqbula minn rappreżentanti tad-Direttorati kollha tal-FSIE, tad-DĠ GROW u tal-BEI. Dawn kienu żviluppatti b'mod kooperattiv fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma dwar it-titjib tal-akkwist pubbliku. Dan il-grupp ta' ħidma twaqqaf bħala sottogrupp tal-grupp interservizzi dwar it-tiġib tal-kapaċità tal-Fondi fl-Istati Membri li ġie stabbilit fil-livell tad-Diretturi Ġenerali. Dan il-grupp interservizzi jirraporta lis-Segretarjat Ġenerali.

L-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għall-akkwist pubbliku tgiebet (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 57). Il-Kummissjoni beħsiebha tapprova wkoll il-pjan ta' azzjoni għall-akkwist pubbliku fuq livell usa' u possibbilment oġhla minn qabel.

## Rakkomandazzjoni 3

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u diġà qed timplimentaha b'koordinazzjoni mtejba bejn id-dipartimenti tagħha fil-livell tad-Diretturi mis-sajf tal-2014.

Il-Kummissjoni beħsiebha jkollha wkoll il-pjan ta' azzjoni għall-akkwist pubbliku approvat b'mod aktar wiesa' fi ħdan is-servizzi tal-Kummissjoni. Huwa previst ukoll li jiġi approvat f'livell oġhla deskritt fit-tweġiba tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjoni 2.

## 102

Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 100 u 101.

<sup>7</sup> Il-Kumitat jikkoordina u jħejji rakkomandazzjonijiet għal deċiżjonijiet ta' sospensjoni, inkluża t-tħejjija ta' abbozzi ta' deċiżjonijiet ta' sospensjoni, li jimplimentaw l-Artikoli 19.5 u 142.1(e) tar-Regolament tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill (KE) Nru 1303/2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-FEŻR, il-FSE, il-Fond ta' Koeżjoni, il-FAEŻR u l-FEMS u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-FEŻR, il-FSE, il-FK u l-FEMS u l-Artikolu 41 tar-Regolament 1306/2013 (il-PAK "Regolament Orizzontali") u jipprovdi lid-Diretturi Ġenerali fl-erba' Direttorati Ġenerali tal-FSIE b'pariri dwar kwistjonijiet relatati ma' din il-kwistjoni.

## Rakkomandazzjoni 4

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni li hija parzjalment implimentata u tappoġġja l-inizjattivi li jwasslu għal titjib fl-akkwist pubbliku.

Huwa previst li jkun hemm kuntatti regolari bejn il-Kummissarji rilevanti responsabbli mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (il-FSIE) u s-suq intern f'format li għandu jiġi deċiż. Dan il-grupp jista' jistieden partijiet ikkonċernati esterni b'esperjenza, meta dan jitqies utli. Il-Kummissjoni tappoġġja wkoll l-idea ta' tmexxija f'livell għoli u tinnota li d-Direttori tad-Direttorati Ġenerali REGIO u GROW ilhom jiltaqgħu b'mod regolari minn Lulju 2014. Il-partijiet ikkonċernati esterni b'esperjenza diġà ġew mistiedna f'dan il-livell.

## 103

Nuqqas ta' effettività tal-verifiki ta' ġestjoni fuq il-kontrolli tal-ewwel livell huwa kawża ta' tħassib serju għall-Kummissjoni. Fil-qafas tal-funzjoni superviżorja tagħha, il-Kummissjoni ilha twettaq, sa mill-2010, awditi ffukati fuq il-verifiki tal-ġestjoni ta' programmi b'riskju għoli fejn identifikat li livell importanti ta' żbalji li jirriżultaw minn dawn ir-riskji jistgħu jibqgħu mistura jew jinstabu tard mill-awtorità ta' awditjar tal-programm. Fejn meħtieġ, dawn l-awditi jwasslu għal pjanijiet ta' azzjoni sabiex in-nuqqasijiet identifikati jiġu rrimedjati. Dawn l-awditi jikkontribwixxu għal titjib fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għal programmi mqiegħdin taħt riżerva filwaqt li jkun żgurat li n-nefqa tal-passat u tal-futur iddikjarata lill-Kummissjoni hija legali u regolari.

Dokument imsejjaħ "Guidance on Management Verifications" ġie diskuss mal-Istati Membri fl-2014 u fl-2015, u se jiġi ppubblikat f'Lulju 2015. Dan jinkludi taqsima ddedikata għall-verifiki tal-akkwist pubbliku. Dan mhuwiex parti mill-pjan ta' azzjoni għall-akkwist pubbliku billi jkopri l-verifiki tal-ġestjoni ta' kull tip.

## 104

Skont id-dispożizzjonijiet legali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, ir-Regolament jip-permetti s-sostituzzjoni ta' nfiq irregolari b'nefqa eliġibbli jekk din in-nefqa ġdida tkun soġġetta għal kontrolli mill-awtoritajiet ta' ġestjoni u awditjar. Madankollu, dawn il-korrezzjonijiet finanzjarji jistgħu jirriżultaw f'telf ta' fondi għall-Istat Membru fil-waqt tal-għeluq meta s-sostituzzjoni tan-nefqa ma tkunx iktar possibbli fin-nuqqas ta' pretensjoni sussegwenti ta' pagament.

Għall-perjodu 2014-2020 u skont l-Artikolu 145 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, il-korrezzjoni finanzjarja se timplika tnaqqis nett ta' assistenza anke meta jkun hemm nuqqas serju fil-funzjonament effettiv tas-sistemi mhux identifikati u rrapportati mill-awtorità tal-awditjar qabel id-data ta' identifikazzjoni mill-Kummissjoni jew mill-QEA.

## Rakkomandazzjoni 5

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u tqis li diġà qiegħda tiegħu l-azzjoni rakkomandata. Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjoni 2.

Il-Kummissjoni se tkompli timponi korrezzjonijiet finanzjarji kull meta ssib li l-kontrolli fl-ewwel livell tal-Istati Membri mhumiex effettivi biżżejjed. Meta jinkixfu nuqqasijiet serji, jiġu implimentati miżuri preventivi u korrettivi, bħal pjanijiet ta' azzjoni, interruzzjonijiet u korrezzjonijiet finanzjarji sabiex tiġi żgurata l-legalità u r-regolarità tan-nefqa tal-passat u tal-futur iddikjarata lill-Kummissjoni. Il-pagamenti ma jerġgħux jinbdew sakemm is-sistemi ma jittejbux u titwettaq superviżjoni mill-qrib wara l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' rimedju sabiex jiġu żgurati li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-programmi ma jerġgħux jiddeterjoraw.

Għal ksur legali persistenti tad-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku, il-Kummissjoni se tkompli ssegwi l-proċeduri ta' ksur fejn meħtieġ.

## Risposta tal-Kummissjoni

### 105

Il-Kummissjoni tappoġġja l-akkwist elettroniku, pereżempju l-proġett pilota eTendering ta' eSens li jippermetti l-interoperabbiltà transfruntiera.

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, ma kien hemm l-ebda obbligu għall-Istati Membri sabiex jimplimentaw strateġiji kontra l-frodi permezz ta' għodda ta' estrazzjoni ta' dejta, bħal ARACHNE (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 94). Il-Kummissjoni tantiċipa aktar tkabbir fl-għadd ta' utenti għall-perjodu 2014-2020. Għal dan il-perjodu, ARACHNE tista' tkun element effettiv sabiex jittaffa r-riskju ta' frodi.

### Rakkomandazzjoni 6 (a)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Billi l-akkwist elettroniku, b'mod partikolari, itejjeb it-trasparenza, jiffaċilita l-offerti u l-aċċess transfruntiera għall-SMEs u jissimplifika l-proċeduri amministrattivi, id-Direttivi tal-2014 jistabbilixxu għadd ta' obbligi għall-akkwist elettroniku u t-traspożizzjoni korretta u rapida hija prijorità għall-Kummissjoni.

Fir-rigward tal-għodod għall-estrazzjoni ta' dejta, il-Kummissjoni qed tiegħu l-azzjoni rakkomandata. Qed tippromwovi b'mod attiv li l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli jużaw Arachne, għodda preventiva bil-punteġġi tar-riskji li żviluppat hi stess. Din l-għodda tista' ġġib titjib sinifikanti mhux biss fil-verifiki tal-ġestjoni iżda anke fil-prevenzjoni u s-sejba ta' diversi riskji relatati, pereżempju mal-proċeduri ta' akkwist, kunflitti ta' interess, il-konċentrazzjoni ta' għotjiet taħt operaturi partikolari. Tista' tgħin ukoll sabiex tidentifika l-indikaturi ta' frodi potenzjali. Il-Kummissjoni hija konxja ta' għodod oħrajn komparabbli għall-estrazzjoni ta' dejta, u hija favur l-użu tagħhom.

### Rakkomandazzjoni 6 (b)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u tinnota li din hija indirizzata lill-Istati Membri.

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

### Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- kopja waħda:  
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:  
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea ([http://ec.europa.eu/represent\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/represent_mt.htm)),  
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE ([http://eeas.europa.eu/delegations/index\\_mt.htm](http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm)),  
billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct ([http://europa.eu/europedirect/index\\_mt.htm](http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm))  
jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (\*).

(\* L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

### Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

In-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku kien sors ta' żball perenni u sinifikanti fin-nefqa tal-UE għall-Koeżjoni. Żbalji serji rriżultaw f'nuqqas, jew f'assenza totali ta' kompetizzjoni ġusta u/jew fl-għoti ta' kuntratti lil dawk li ma kinux l-aħjar offerenti. Aħna sibna li l-Kummissjoni u l-Istati Membri bdew jindirizzaw il-problema, iżda għad fadal xi jsir u jeħtieġ li l-isforzi jiġu intensifikati.



IL-QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet